# IL BIDUI

PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI

*Periodicu MINGHAIR PARTIT – ixerred tghalim fuk il Biedia u Gionna, jghein chemm jista l'industrii locali u jati kari onest ghall'idejn culhatt.*

MAHRUG MIN

**The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo Sliema. Malta.**

**Editur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARA' F.R.H.S.**

No. 1 Settembru 1926. Circulazioni 7,000 Copia.

## Chelmtejn mill'Editur.

—

Jgheidu li nofs in-nies tad-dinja ma jafux chif kghedin jgheixu in-nofs l'iehor. Dan hu verissimu!

Ir-ragiel tal bliet ma jaf xejn (u l'ankas ihabbel rasu biex icun jaf) x'curaġġ u pacenzia tinhtieġ biex uiehed icun bidui; mentri il bidui ftit jahseb fil bliet, u jghaddi iz-zmien tieghu jiccunsidra it-temp, ihares lejn li shab, u ikieghed l'gheixien tieghu f'dac li ittieh l'art mix-xoghol tieghu.

Jinhtieg uisk *virtù* biex tghamel bidui *tajjeb*. Fiz-zmien li hlejt jen inhares lejn ix-xoghol tal hidma tarraba, inhoss li ghandi nistkarr li ma insibx tmiem fl'ammirazioni tieghi ghal mod li xuhud minnhom jahdmu l'art —jehdu l'ghaudc bil calma u filosoficalment ikumu mid-dakkiet ta ponn li jakalghu mit-telf ta prodotti. Jgheidu li il bniedem jgheix dejjem bli speranza, u jecc m'hu veru ghalxejn, hu veru ghal bidui.

*"Ghalchemm takla fuk uiċċec, kum u argia ipprova"* hua il *motto* li fuku jgheix il bidui.

Il hidma ta l'art hi xoghol mill'isbah, hu l'actar xoghol li iresskec vicin in-natura u li minnhu uiehed jista jitghallem bosta xorti.

Izda il biedia ta daz-zmien hi uisk xort'ohra min dic ta zmien hilu. Tahrat u tghazak l'art biex takla il hobs ta cull jum, tizra u tahsad, saif u xitua, chienu collha jigu uahda uara l'ohra bhala hagia naturali. In-natura dejjem ghamlet ix-xoghol tahha bhal ma 'l bniedem ghamel tieghu.

Il cultivazioni tal prodotti fi zmien l'imghoddi ma chienitx hagia difficili bhal ma hi illum; u missierijetna ma chienux sabu ruhhom imhabbtin—bhal ma ninsabu ahna illum—b'cull qualità ta mard tal prodotti. Mad-dinja collha, Istituti, schejjel u ghakdiet ta nies ghorrief kghed jistudiau chif jirbhu dauc id-difficultaijet li illum ghanna ma uiċċna; isibu qualità ta hxejjex giodda, u jippruvau metodi ohra ta cultivazioni; fil uakt li il bidui taghna

icompli jiccultiva l'art seuua seu bħal ma chienet tigi iccultivata 200 sena hilu !

Izda il bidui jinħtieg li jiftaħ għaineiħ. Iz-zmien tal-lum hua zmien differenti, u jinħtieg li hu jaddatta ruħu għalieħ inchella aħjar jitlak l'imgħazka min idu u jibda xi xogħol jeħor.

Il bidui tal-lum jinħtieġ icun bidui b'għaineiħ miftuħa u bidui min din il qualità *biss* jgħamel success u jigi il kuddiem f'collox.

Jinħtieg mela, illi il bidui tagħna jgħamel risoluzioni kauuija u jiftaħ għaineiħ għal cul tgħalim gdid fuk l'agricultura li jigi f'idejħ. Id-differenza ta raba cultivat bħal antic min jeħor iccultivat scond il metodi moderni hi ħagia li jaf jargħa culħatt!

## SOJA (Fazola Soja.)

Din il pianta leguminusa "uisk ftit magħrufa f'Malta" hi uisk cultivata fic-Cina, Giappun, Maciuria u fl'America.

Iz-zerrigħa ta din il fazola tigi impurtata fl'Europa biex jeħdu minnha zejt li il-lum juzauħ ucoll għall ichel. Għalchemm fl'Europa din il fazola jiccultivaugħa biss għal mgħalef, hia anchi aliment tajjeb għal bniedem.

*Xi trid il Fazola Soja*

Il fazola Soja titlob:

1. Post tajjeb għad-daul u shana.
2. Trab frisch u fond.
3. Għaziek fil fond chif ucoll mgħodijet fil uicc.
4. Demmel 4 knatar perfosfat u kantar Sulfat tal Potassa u "fejn is-soja katt ma inzergħat" għati Kantar Nitrat tas-Soda, nofs malli timbet u nofs jeħor mita ix-xitel icun 8 pulzieri tuil.
5. Tnikkija, għaziek u imburgar.

*Chif tinzera is-Soja*

Is-Soja tista tigi cultivata għaz-zerrigħa u għal mgħalef. Jecc għaz-zerrigħa, is-Soja tinzera f'Marzu fi flanni xi 16 il pulzier bogħod min xulxin, u jitkgħedu 3 zerrigħat cull beita fonda 2 pulzieri u bgħod 8 pulzieri min beita għall'oħra.

Jecc għal mgħalef, id-distanza bejn il flanni għanda tcun min 6 sa 8 pulzieri min beita għall'oħra.

*X'isir mil prodott.*

Għedna li il fazola tigi cultivata għaz-zerrigħa u għal mgħalef.

Iz-zerrigħa jgħamlu bigħa ħafna xorti: Taiba uisk mgħollia fl'ilma għal ichel.

Tigi midħuna tkiek biex is-sir il purèe "soppa", tigi imħalta mas-smid biex isir il ħobs jeu biscuttelli.

Is-sir bħal ħalib billi trattab iz-zerrigħa fl'ilma, tgħaffigia u is-safti l'ilma.

F'ic-Cina u fil Giappun jgħamlu minnha giobna speciali u zalza fermentata.

Fl' aħħarnett jiħdu minnha zeit li jixbaħ iz-zeit tal kittien, li jista iservi għall'ichel għax-xgħeil u għas-sapun.

Għal Faraġ (għalf) is-sigra tigi utilizzata ħadra chif ucoll nixfa — izda l'aħjar malli tigi maħsuda.

Billi is-Soja hia pianta leguminosa tħalli l'art għania bl'azoto.

L'aħjar xorta ta Soja huma:—

*Manchu*— Bicrija ħafna; is-sajjar iz-zerrigħa f'nofs Settembru.

*Laredo* Is-sajjar għall'aħħar ta Ottubru

*Easy Cook*— Is-sajar għal nofs Novembru

## Inti Ticteb??

Mita tircievi xi ittra, inti tpingi f'rasec malair minhu u xi qualità ta bniedem hu dac li chitiba, għaliex l'ittra tirrappresenta lil min jibgħata.

Jecc l'ittra tcun maħmugia u b'ħażna tbajja tall'inka, inti malair taħseb li min bgħata hu maħmuġ, anchi jecc ma icunx. IBGHAT L'ITTRI TIEGHEC MICTUBA BIT - TYPEWRITER. *Ixtri uaħda u ħallasa ftit ftit min għand:*

ALB. E. MANGION,
5, Blanche Street, Sliema.

## MARD TAT-TUFFIEH TADAM

MICTUB MIN DR. P. BORG.

*Mahrug mill'ufficciu tal Biedia.*

It-tuffieh tadam jifforma uihed mill ucuh importanti tagħna, u hemm bżonn illi il gabillott jibda jgħamel actar attenzioni fil biedia tighu sabiex inakkas il hsarat li kied isofri ta cull sena mil berghout u mit-tahsir li ta spiss jekirdu ma duar in-nofs tal prodott. Hafna bdieua jghatu il cubrit lix-xtieli tat-tuffieh tadam ma tul il biċċa il cbira ta li stagiun, jecc mhux min meta jithauuel f'postu sachem jasal biex jinxef u jispicca mil frott. Chif da-hal l'usu ma nistax ngheid. Forsi, billi il cubrit jghamel tant taijeb ghal mell tal karmu u tal bhaira; xi bdieua ippruvau jatu il cubrit lis-sigar tat-tadam ucoll, u ohrajn malajr ghamlu bhalhom minghajr ma kghadu ifiċċiu jecc ghamilx tasseu dac il gid li jistennen minnhu. Il fatt hu illi il cubrit ftit jeu xejn jista ghat-tahsir tat-tuffieh tadam li hua li stess marda tal glata tal patata u li floc il cubrit trid il cupru il (solfat tar-ram) sabiex tfiek jeu almenu ma tcomplix ticber. Daun l'erba' chelmiet huma migiuba sabiex il gabillott jitghal-lem jgharaf il mard li jghamel actar hsara lil dan il prodott, u icun jaf ucoll x'ghandu jghamel sabiex jilkghu.

MELL TAL HMIEMEL

(PYTHIUM DEBARYANUM).

L'euuel marda li tolkot il pianta tat tadam hia il mell tal hmiemel. Din il marda tmiss ix-xtieli fil hmiemel, special-ment meta il hammiela tcun stieka u kieda f'post delli jeu umdu. Is-siek tisfar u tisuied taht l'euuel żeuġ uerkat u uara ix-xitla tinchiser, taka u tmut. Iz-zerriha (spori) ta dan il mell li minnha jiccapsu xtieli ohra tifforma fix-xitla marida uara li tcun mietet. Sabiex uiehed iżomm dan il mard hemm bżonn li jiżra il hmiemel hafif u jghamilhom f'post xemxi u sott. Meta tidher il marda jitnehheu malajr ix-xtieli morda sabiex ma jiccapsux ohrajn u jintghata il cubrit trab, jeu ahjar tit-bexx il hammiela bil fuied tal cubrit (Potassa solforata) nofs ukija f'gallun u nofs ilma Ghal din il marda ix-xtieli jircievu beneficciu car mill'usu tal cubrit.

IT-TAHSIR JEU GLATA

(PHYTOPHTHORA INFESTANS)

U IL MARDA TAS-SIEK (PH. PARASITICA).

Daun iż-żeuġ mardijet imissu ix-xitla tat-tadam meta tcun chibret u uaslet biex tghamel il frott, jeu tcun tigià bdiet tif-frotta. Il glata tmissa li stess bhal ma tmiss il patata, jigifieri il uerka jeu il frotta tghamel tebgha li tisuied u tinten bit-tahsir sachem tilhak iz-zocc u tinfirex fuk uerak iehor. Ghal cuntrariu il marda tas-siek tmiss biss iz-zocc, li l'euuel juri tebgha tauualija seuda min-naha u mbghad jithassar u tinten u jakta ix-xitla mil gherk. Il uerak tax-xtieli morda juru min kabel certa sfurija, jitbielu u jicxfu il marda emieni. Daun iż-żeuġ mardijet iridu il bexx bil cupru (solfat tarram) nofs ukija f'gallun ilma, jeu ahjar il bexx bil Mistura Bordulisa Normali, chif tin-tusa ghal patata (Cupru $\frac{3}{4}$ rot, gir vir-gni $\frac{1}{2}$ rot., u ilma 9 galluni). B'dan il bexx il marda ma tcomplix ticber, u jecc il bexx isir regulari bhal ma isir ghal patata, actarx li ma tidher xein, jeu tid-her uisk hafif. Naturalment f'dan il cas il bexx irid jibda min meta ix-xtieli jit-haulu f'posthom u jitcompla cull tliet gimghat sachem idumu jiffruttau.

IL BERGHOUT (APHIS PAPAVERIS).

Il berghout jeu aphis jidher fuk il kliebi chif ucoll fuk il uerak tari, l'actar min taht il uerak li bieh titchemmex u tiggighed Il uerak mimsus, u xi dakkiet ix-xita col-lha tithammeg bi trab isued kiesu ngru-fun li ma huiex haġa ohra hlief fungu is-ued li jicber fuk il ghasel illi dan l insett jarmi min zeuġ ponot li ghandu fuk dah-ru. Mal berghout actarx tidher ucoll quantita cbira ta nemel li jiġġerra uara l'aphis sabiex jardgha l'ghasel li terbi. Il berghout jeu aphis tat-tadam li jinsab ucoll fuk il peprin, il kakocc, u fuk hatna pianti tal familja tat-tursin, bhal ma huma il bleuua, il buzbiez, etc. hua ta culur isued matt, bil krun cannella. L'aphidi jitnisslu bil bajd chif ucoll bi process

igheidulu *"partenogenesi"*, jigifieri jcieldu il frieħ imfakksa floc il bajt, uakt illi l'intervent ta l'insett raġel ma hemx bżonnu ħlief fil bidu ta li stagiun, u jghamlu ħafna generazionijet uara xulxin li fihom il frieħ icunu collha nisa. Xuħud min daun il frieħ u l'actar ghal laħħar ta l'istagiun, icunu bil guienaħ u iservu sabiex icapsu xtieli vicini. L'aphidi bil ġuienaħ, tat-tadam, ghandhom zakkhom ħadra u il cumplament ta gisimhom bħal dauc ta bla ġuienaħ.

L'aħjar mezz sabiex ticcumbatti l'aphidi hua li tnissel il cola jeu żebbellica tas-seba ticchi (Coccinella 7 punctata) li hia uaħda mill akua ħbieb tal bidui. Din iż-żebbellica tiecol l'aphidi u ħafna insetti oħra u f'kasir zmien tnaddaf ghal collox il uerak marid. Ghaldaksheċ meta jidher il berghout bizzejjed uieħed ifittex dina iz-zebbellica u jecc ma tcunx digia deħret fuk ix-xtieli tat-tadam, jara min jiġborha u jitlak ftit fuk il uerak marid.

Mezz ieħor sabiex uieħed jekred dan l'insett hua il bexx bl'infusioni tat-tabac quart (¼ Rot.) f'gallun (I) ilma, jeu tat-trab tal brighet, ukija (I oz.) f'gallun (I) ilma, jeu aħjar b'uaħda mil ħafna preparati li jinsabu fis-suk ghal dan il mard, bħal ma huma il Katakilla, "Cook's Spraying Mixture", Nicotina, u oħrain. L'infusionijet tat-tabacc u tat-trab tal brieghet, iridu jokghodu tnax il sigħa kabel jitbexxu u ghaldakshec icun tajjeb jecc isiru haun il-lejl u jitbexxu mas-sebħ.

## Il Mell dkieki tal chemmun, u it-tindif tal chemmun ghas-suiek ta barra.

MICTUB MIL PROF. G. BORG M.A., M.D.,
Suprintendent tal Biedja.
MAHRUG MILL'UFFICCIU TAL BIEDIA

Il Bdieua taghna hilhom jizirghu il chemmun sa min mijet ta snin; u il Commendatur Abela fil ctieb tieghu "Malta Illustrata" stampat haun Malta fil 1647, jghidilna li il bdieua Maltin hilhom zmien tuil jizirghu ħafna chemmun, u li dan il chemmun isiefruħ collu ghal pajjisi oħra. Aħna ma nghamlu l'ebda usu mil chemmun; nizirghuħ biss ghalbiex nibghatuħ f'paijisi oħra, fein jinħadem ghal licuri u ghal medecina, u fein jaghtuħ ucoll xi ftit liz-zuiemel biex isaħħaħom ghat-tigrija.

Il chemmun ichid l'art u forsi biż-zest tighu jghamlilha il ħsara ghal xi ucuħ li jigiu uaraiħ, u ghalech uara il uiċċ tal chemmun il bidui jeu jizra il kamħ, jeu jghażak bid-demel, biex jargia iseuui l'art ghal ghalla tal uciuħ. B'dana collu, bill il chemmun hua prodott li jitrabba malajr, ghax jinzara fl'aħħar tax-xitua jeu dħul irrebbigha, u sa dħul giunju icun laħak u sar, il bdieua taghna iħobbu jizirghuħ, l'actar ghaliex minnu cultant jarau klieħ tajjeb, mita il prezzijet ta barra jaħbtu jgholeu, u billi il chemmun ta Malta hua imsemmi ghal qualità tal aroma tighu, deijem jisua xi ħaga iżjed min dac ta banda oħra, jec icun nadif chif ghandu icun. Imma jigri sicuit li il bidui mita idokk il chemmun u iħeijeħ ghal bejħ, jghamel ix-xoghol ħech ħazin u ħech bla cont li il chemmun jibkghelu mighu ħafna trab, ħafna bceijec tazzcuc, u frac ta ħamria u żrar irkik, u żrieraħ oħra, li ix-xerrej ta barra icollu jargia inaddaf il chemmun li xtara min Malta kabel ma ibighu biex jinħadem, u b'ħech il prezz tal chemmun ta Malta jigi orħos Il kuddiem nerġghu nitchelmu iżjed fit-tul fuk din il ħsara.

Imma kabel xejn jaħtieġ ngheidu chelmtejn fuk il "mell dkieki" li jghamel ħsara cbira fil chemmun, u xi drabi il uiċċ jintilef ghal collox. Iż-żerrigha tal chemmun minsusa bil mell, issir bajdaniia, bħallichiecu imnaura, u mghabbra bid-dkik, tinxtorob u tħoff u actarx tcun vojta min geuua, u l'aroma taħħa kisu jintilef u jispiccia ghal collox. Firrebbigha tal 1925 il mell tal chemmun xeghel ma cullimchien f'Malta u Ghaudex, u il prodott chien ħazin, chemm fil pis u chemm fil qualità.

Il marda tal mell tibda cmieni fir-rebbigha, uara li il chemmun jintakax u ix-xitla tcun gholiet mghola subghajn jeu tlieta. Il uerak jibjad u jinchesa b'ghabra bajda, u ma jibkax jicber b'saħtu bħal ma chien. Ghal

l'euuel il mell ;iftaccia bħa'a bakkighat jeu tbaija :a xtieli morda l'hauɑ u l'hemm mal ghalka, u jecc it-temp jibka bl'umdu u bir-rieħ isfel, daun it-tbaija jinfirxu mal ghalka colla, u il bidu. jista jaħrat u iżarma collox ghax il prodott icun intilef. Jech il marda tiekaf u ma tibkghax tirgha mal ghalka collha, hemm bzonn li il bidui idur uaħda uaħda daun it-tbaija bojod bi xtieli morda u jakla ix-xtieli, jiġmaħħom u jaħrakhom; l'euuelmett biex il marda ma tibkax tinxtered, imbaghad ghalbiex meta il uicc icun imlaħħak u jasal biex jingiama u jindakk, ma jigrix li icun hemm it-taħlit ta zerrigha marida maz-zerrigha kauuia u sħieħa, u b'hecc il bidui inakksulu il prezz mita jigi biex ibieħ. Il Hleuua tintess ucoll bl istess marda tal mell dkieki, u dbati daks il chemmun jeu izjed, u l'istess rimedju li seijer insemmi ghal chemm jisua ucoll ghal ħleuua.

Sibna li ghal din il marda hua tajjeb il cubrit, u malli il bidui jinduna li ix-xtiel tal chemmun bdeu jintessu bil mell, u jitghabbru b'dic l'ghabra bajda, għandu minnufieħ iduru daura bil menfaħ. Il cubrit irid icun mill'aħjar, jigifieri "solfo triturato" jeu "molito" jeu "raffinato doppio", u jech icun fieħ mighu xi ftit tal cupru,—ngheidu aħna xi tnein jeu tlieta fil mija,—jigifieri icun "solfo ramato" jeu "cubrit bir-ram", icun tant aħjar, ghaliex iħares ucoll ix-xtiel tal chemmun min mard iħor, u mid-dud tal farfett (Plusia gamma), li f'xi zmien jghamel ħsara m'hux ftit. Dan il cubrit ghandu jinghata bil menfaħ, fil ghodu cmieni fil ħemda biex ma itajrux ir-rieħ, u jech tcun ghodua b'xi ftit nida il cubrit jakbad aħjar. Uara ghaxar tjem jeu gimghatejn trid targia tghati il cubrit u tibka ittenni cull gimghatejn jeu tlieta sachemm iż-żghar tal chemmun icun beda jitfi. Uara li saru l'esperimenti bil cubrit f'xi ghalieki f'Malta u il bdieua rau chem hu meħtieġ biex il chemmun ma jintesx bil mell, illum il bdieua colla fehmuha li mghandomx jissograu ma jghatux cubrit, ghalavolja jarau l'ajru xott, ghaliex biż-żeijed jghamlu jumein rieħ isfel u irtuba biex il marda tixghel f'dakka.

Ghedna li il cubrit bil cupru (2 jeu 3 fil mija), jisua ucoll biex iħares il chemmun min mard ieħor, u ghalech hu ta min jirriccmandaħ iżjed mil cubrit pur, mita ix-xtieli tal chemmun icunu ghadhom ma bdeux jiżgharu. Izda mita il chemmun jibda jiżghar, aħna ma nghatux izjed cubrit bil cupru, imma biss cubrit pur, ghalbiex ma icunx jista jigri li iz-zerrigha tal chemmun titħammeg xi ftit bil cupru, li forsi jaghmlilha xi difett ghal cummerc.

Issa ngheidu xi ħagia fuk it tindif tal chemmun ghas-suiek ta barra. Min negozianti ta barra m'hux ħlief jaslilna tghemghim li il chemmun m'hux kighed jitnaddaf seuua, ghaliex il bdieua iħalluħ mimli bil bceijec taz-zcuc, bit-trabijet, bil ħamria, u ucoll biz-zrar irkiek. Il bidui m'ghandux jaħseb li seijer jidħac bin-negoziant, ghaliex icun kighed jidħac bieħ in-nifsu. In-negoziant jaf li mita jibghat barra il chemmun maħmug jeu marid il prezz tighu jonkoslu uisk, seu ghaliex ix-xerrej irid inakkas il pis taz-zrar u taz-zcuc u tat-trab li neħħa minnu, chem ucoll ghal li spisa li irid jghamel sa chemm inaddfu u ilestieħ ghax-xoghol jeu ghal usu. Mela dan in-nukkas tal pis u din li spisa tat-tindif trid titnakkas mil prezz tal chemmun, u ghalech fl'aħħar tal aħħar trid titħallas min fuk dahar il bidui.

F'daun l'aħħar snin, billi il chemmun gieb il flus, giara li xi bdieua li ma chienux jafu jaħdmuħ tajjeb, ħalleu il prodott maħmug, jigifieri ħalleu fieħ xi zcuc, xi zrar irkiek, xi tub irkiek tal ħamria, u xi trab ucoll, u zrieraħ ta ħaxix iħor. Ghal din il ħagia m'hux biss li ix-xerreija ta barra nafru seuua, imma il Gvern ta li Stati Uniti tal America indaħal ucoll u ma riedx iħalli il chemmun ta Malta jidħol f'dac il paijis, kabel ma icun imnaddaf seuua.

Scond il ligi li saret fli Stati Uniti il chemmun, meta janalizzauħ, ma ghandux iħalli izjed min $9\frac{1}{2}$ fil mija tar-rmied, m'hux iżjed min $1\frac{1}{2}$ fil mija tar-rmied li ma jinħalx fli spiritu tal melħ, u m'hux izjed min 5 fil mija ta ħmieg (jigifieri zrar, trab u zcuc). Meta il chemmun ma icunx scond din l'analisi ma jghaddix bħala chemmun u jaka taħt l'isem ta "ħagia falza" jeu "adulterata", u il gvern ma iħallieħx jidħol fil paijis, kabel ma jitnaddaf seuua scond il-ligi. Ma tul is-snin 1924 u 1925, giara li 46 fil mija tal chemmun li ħareg min Malta ghal

America, giè mizmum, u chellu jigi imnaddaf seuua kabel ma ħalleuħ jidħol fil paijis; mentri il chemmun li mar l'America min pajisi oħra chien uisk iżjed nadif min dac ta Malta. Il chemmun ta Malta sabulu l'iżjed trab u frac tal gebel, u zrar, u tub ta ħamria, u b'hech fl'analisi ħalla uisk actar irmied milli chien imissu iħalli.

Min dan li ghedna jidher fic-ciar chemm hemm bzonn li il bidui jokghod attent li inaddaf il chemmun seuua, u ma iħallix mighu la trab, la zrar u ħamria, u inkas bceijec taz-zcuc u żrieraħ ta ħxeijex oħra. It-trab, il ħamria, iz-zrieraħ ta ħxeijex oħra jista jeħles minnhom mil euuel billi jigbor bil galbu collu il uicc tal chemmun mil ghalka, minghair ma italla ħamria u zrar ma gheruku, u iuarrab il ħaxix ħażin collu mil ghamra tax-xtieli tal chemmun, m'hux fuk il kiegha fein jidres il kamħ jeu il giulbiena, imma fuk bejt nadif jeu fuk art icciangata u nadifa. Il bceijec taz-zcuc u tal gheruk u it-trab tal uerak jista jeħles minnhom billi iderri taijeb u jargia jgharbel sachemm il chemmun icun nadif u sabieħ bħal dac li narau il Buscett ghal Uirja tal imnaria

Illum xi negozianti xerreija tal chemmun ghas-safar, li b'dan it-tghemghim li sar fuk il chemmun taghna, giebu xi macni biex iderru seuua il chemmun kabel ma isiefruħ. Daun il macni huma tajbin uisk ghal dan it-tindif u ma naħsibx li il bidui li ghandu chemmun ghat-tindif, ma isibx il mezz li jissellef uaħda min daun il macni. Imma fuk collox, l'aħjar ħagia li jghamel il bidui hi li jokghod attent uakt li icun jigbor il uicc tal chemmun u uakt li icun idokku biex ma iħallieħx jintela biz-zrar u bil ħamria u bi zrieraħ oħra; u li iderri taijeb biex jeħilsu ucoll mil bcejjec taz-zcuc u mit-trab.

—⊗✳⊗—

## Chif gie mghamul l'Imbit.

Bosta igheidu li l'imbit gie mghamul ghall'euuel darba fil Persia, u fost il ħafna leggendi li jirraccontau din li ser ngheidu hi l'actar uaħda li jaħsbu li hi il vera:

Uieħed mill'antichi Re tal Persia, l'actar ħagia li chien ibobb fost il frott collhu, hua l'gheneb mill'ghelieki tieghu; u biex jibkalu ftit merfuħ ghax-xitua ordna li numru ta giarar cbar jigiu mimlija bl'aħjar ghenieked li chellu f'dac li stagiun, jghalkuhom tajjeb, u ikgheduhom f'maħzen. Izda x'giara! ,Xi zmien uara mita fetħu giarra minnhom sabu illi il gheneb beda jiffermenta, u is-sugu tieghu chien jinħass tant ħazin illi ir-Re id-dichiara li chien velenu. Uakt li sar dan chien hemm presenti mara sabieħa li chienet uaħda mil favoriti tal harem, izda li ftit uara ir-Re ma chienx kgħed jati cas taħha izied

Giurnata uaħda din il mara, id-disprata ghax giet abbandunata mir-Re, marret bil moħbi fil maħzen, fetħet giarra, imliet tazza b'dac is-sugu u xiorbita. Izda sa dan iz-zmien, il fermentazioni tal frott chienet spicciat, u imbit tajjeb nizel fuk ix-xufte'n ta dic il favorita tal harem! M'hux talli ma chienx velenu talli ħasħassitu bħala balzmu li icconfortgha u tgha id-daul mil gdid. M'ghandniex xi ngheidu, hia griet biex id-deuuak l'ir-Re min dac l'imbit u b'is saħħa tieghu regiet saret il favorita tal harem!

**Ghal Fiuri Artificiali,** mur ghand Giuseppe Calegare, 115A Sda. Zecca il Belt. Xoghol mill'aħiar bi ftit flus.

**Fanali** 15 il tuzzana fanali tal carta assortiti ghal beiħ, addattati uisk ghal festi. Xuħud b'ix-xbija tal Madonna. Prezz fiss £3-15-0. Icteb lil G. B. Cilia, c/o Il Bidui, 53, Sda. S. Vincenzo, Sliema.

**100 Self-filling Fountain pen,** addattati ghall'ischejjel, £3-15 collha!

Ibghat "Postal Order" jeu xelin bolli u tircievi uaħda bil posta; G. B. Cilia c/o Il Bidui, 53 Sda. S. Vincenzo, Sliema.

# HAMES CMANDAMENTI

## GHAL BDIEUA LI IRIDU JIZIRGHU IL PATATA U JOHORGIU JIFTAHRU.

1. Ahdem l'art fil uakt, u ahdima taijeb. TIEHA ID-DEMEL LI IMISSA. Ixxehx mahha biex ma ixxehx mighech.

2 Ixtri iz-zerrigha taiba u ixtriha cmieni, fl'orhos suk. Nakkiha mit-tahsir, u ifrixha taht is-sakaf ghar-ruiek biex ma tishonx.

3. Izra ma csur Jannar. Katt tizra kabel! L'ahiar zmieh hua bein il 15 u l'20 tax-xahar. Ahiar tuahhar jeu tbaccar. Jech icolloc x'tizen, halli jorhos is-suk!

4. Uara leuuel inkix bixxha bil cupru, u tenni uara bmistax. Iz-zmien li titlef, u is-sold li tonfok tbericom.

5. Jech tista ghazel il hamri, f'xakliba tal lvant. Ma ghandechx xi trid il *partit* biex l'gharak ta ghinech isir flus gio butech.

## Demmel il Patata b'in-Nitrat tas-Soda.

## IR-RABA COMPETIZIONI
### CULHATT JISTA JIRBAH!

Ghal din il competizioni biex culhatt icun jista jiccompeti, l'editur ser jghati sitt premijet, ghal

**" L'ahjar ittra fuk l'Agricoltura"**
**L'euuel Premiu Ciurchett tad-deheb**
**It-Tieni Premiu Arlogg ghal but**
**Erbgha Premji ohra**

Biex ticcompeti ma thallas xejn.

**CONDIZIONIJET.**

1 Hadd ma jista jicteb actar minn ittra uahda fuk li stess suggett.
2 Hadd ma jiehu actar minn premiu uiehed f'DIN il competizioni.
3 Jista jicteb culhatt, cbar u zghar, nisa u irgiel, bdieua u dilettanti.
4 Ittri taht isem falz jeu immaginariu ma jigiux imdahhla ghal premiu.
5 Hatt ma jista fl'ittri tighu imakdar jeu ifahhar il Gvern jeu jghaid xi hagia li tista tfixchel xi partit (cun min icun) politicu. L'ittri li cun fihom xi hagia hecc, *jitilfu il premiu.*
6 L'ittri ghandom jinbghatu lill Editur tal Bidui m'hux actar tard mill 20 ta Ottubru 1926.
7 L'ittri li ma icunux originali jistghou jitilfu *l'euuel* premiu.
8 L'Editur ma jghamilx tajjeb ghal dauc l'ittri li ma jaslulux, jeu jintilfu fil posta.
9 ID-DECISIONI TA L'EDITUR TORBOT u hatt ma jista jappella fuka.

FTACAR TAJJEB li tista tibghat mil-lum sal 20 ta Ottubru 1926.

*Dauc li jibghatu ittri u ma jehdux premiu, jitla premiu b'ix-xorti bejniethom.*

## Ghal min ghadu ma iridx jemmen!
Ittri li geu mibghuta lill'Editur.

Illmu. Sinjur Editur u Direttur Onorariu tal Foliu Agricolu-Industriali il Bidui.

Ghandi ngharrfec li jena sejjer nictiblec daun il ftit versi, sabiex bihom nuri il prova li jena ghamilt bin-Nitrat tas-Soda ossia demel Artificiali, ghalchemm jena katt ma ridt nemmen bih; però issa ngheidlec li fost bosta sigiar tal Agrumi u frott irkiek li jena ghandi fil gnien tighi ghamilt prova bin Nitrat tas-Soda f'zeug sigriet tal Laring, cioè, iccurait tajjeb daun iz-zeug sigriet; issa sur Editur jena ngheidlec illi mux biss imbierec il flus li infakt f'dan in-Nitrat tas-Soda, imma nassigurac ghalli gei li is-sigiar li ghandi colla tal Agrumi u chem ucoll tal frott irkiek, il culhatt minghair l'ebda eccezioni jena niccura bih ghaliex il prova li tani hia stupenda u fii stess hin imprezzabili, ghaliex chem fil hxuna tal frott chem ucoll fiz-zbuhija tas-sigiar cull min raghom culhatt baka mistghageb ghaliex hua verament sabieh, ghalecc jena nirriccmanda lill bdieua u il genniena colla sabiex jaghmlu minghair telf ta zmien u juzau minn dan id-demel artificiali ossia Nitrat tas-Soda, u uara li jghamlu uzu minnu huma johorgiu pienament sodisfatti mil prodott li jircievu u mil kauua u is-sbuhija tas-sigiar talhom phalma hrigt sodisfatt jena.

Ghalecc issa dina l'ittra nitolboc illi iggiba fil foliu agricolu industriali il Bidui sabiex isservi ta tghalim ghal dauc colla li sa issa m'ghamlux uzu min dana id-demel artificiali.

Nafferma

GIO. CASCUN P. P.
Strada Sta. Margherita No. 161
C. Siggieui.

* * *

3, Piazza S. Giovanni Vlo. Imo.
Siggieui
Malta
6-6-26

Sur Editur,

In-Nitrat jaghmel effett cbir u cbir ferm lil prodotti, dan ippruvainieh ahna stess. Ahna chellna nofs tomna raba mizrua patata, u sieh u nofs minna demmilnieh bid-demel naturali biss (jigifieri tar-rziezet). " Dich differenza li chien

# X'ghandhom icunu jafu

# IL BDIEWA!

## Is-Sulfat tal Potassa

Chelmtejn mill'Editur tal "BIDWI"

Stamperija ta GIOV. MUSCAT
213, Strada Sant'Ursola—VALLETTA.

hemm!" Dac li demmilnieh bid-demel artificiali ghaddieh lil liehor il knatar!

Din in-nofs tomna raba chienet kieghda ghat-triek, u uakt li missieri darba chien kieghed idemmel bin-Nitrat ighaddi uihed u staksieh "Hemm x'int taghmel?" Missieri bil pacenzia colla kaghad jaidlu collox, hagia b'hagia, chif idemmlu bieh, u minn ghand min ghandom jixtruh, u collox. U imbaghad liehor bil uiċċ tost collu chemmex ticmixa xufteih u baka sejjer bhallichiecu ma emmnux, u missieri ma hax piacir.

Uara (nghidu ahna) daks xahar, dan il bniedem ragia ghadda u xhein ra dic il patata ech sabieha, u ech hadra baka mistaghgeb mux ftit, imbghad xhein ra il missieri kallu "Jena nitolboc tiscusani talli dic inhar ma hadx piacir xhein cont kieghed tgheidli ghax jen cont ghadni ma nafx x'effett jaghmel in-Nitrat issa naf. Chellech ragiun tiehu fastidiu u millum il kuddiem irrid nibda nuzah" Ech ghamel, beda juzah, u dejjem chellu prodotti sbieh u minghair im hassra. Dejjem fahhar in-Nitrat, mux hu biss imma dauc colla li uzauh. Iva in-Nitrat hu ta min ifahhru, hua tasseu sustanzius ghal prodotti colla, u sahansitra anche ghal fiuri. Li chiecu culhatt juzah, chiecu l'agricoltura ta Malta flimchien ma ta Ghaudex jigiu il kuddiem ferm. Proset tasseu.

Jena is-serva tighec
T. Camilleri.

*
* *

9-6-1926.
No. 115 Strada Reale
Siggieui, Malta

Sur Editur,

Jena l'idea zgheira tighi mux hlief fuk xi patata u xi kamh ta missieri illi ghalchem f'raba bajjad u hazin meta taha in-Nitrat tas-Soda seuua fil kamh chem ucoll fil patata ha id-doppiu izjed min ta kabel ghalchem chienet f'raba hamri, u mux biss f'daun li semmeitlec imma anche fl'izghar xitla tal fiuri, dana ippruvaitu jena stess malli ix-xitla thoss in-Nitrat tas-Soda tfur f'salt u f'dakka nahda ticber u tibda tghamel il fiuri. Ghalhecc missieri is-sena mux biss li ta in Nitrat lil patata u lil kamh imma il prodotti l'ohra collha.

Jena is-serv tighec.
Giuseppe Farrugia.

*
* *

89, Sda. Parrocchiale
Siggieui
9 ta Mejju 1926

PUBLIC LIBRARY MALTA

Sur Editur

Ghal habta ta Frar tas-sena l'ohra gie uiehed ichellimni l'ghalka tighi. Uara li kalli li chellu jghidli bdeina nithattu fuk ir-raba u il prodotti tighu, Sa dat-tant uasalna hdein id-duili u bdeina nithattu fukom. Jena ghetlu li dic chienet l'ahhar prova tahhom jecc jergiau ihassru l'gheneb. Allura dan kalli biex nipprova in-Nitrat tas-Soda u biex jippersuadini kalli li hu stess usa dan in-Nitrat tas-Soda f'hafna hxejjex u kabillu ferm ghax ha prodotti izied u ahiar. Chiecu dal bniedem chien mir-rahal tieghi cont nara b'ghaineja u immiss b'idejja, izda ma chellix provi u allura cont gia uahhalta f'rasi li ma naghmilx bhal ma kalli.

Combinazioni ftit granet uara iltkait ma uiehed habib tighi il belt, mir-rahal ta dan il bniedem u stakseitu jecc hux veru dac li chien kalli dac l'iehor. "*Veru, verissimu*" kalli, "*culhatt staghgeb bil prodotti li giabar*, u issa hafna u hafna keghdin juzau dan l'imbierec Nitrat tas-Soda! Allura jen dic inhar stess xtrait in-Nitrat tas-Soda u taitu lid-duieli tighi scont chif fehemuni,

Taitom xi darbtein jeu tlieta, u fl'ahhar chelli bil fors nemmen dac li s'issa ma contx ghadni rait b'ghaineja ghax dic is sena l'gheneb ma thassarx hlief xi uahdiet u ghamel bl'abbundanza. Fein snin kabel cont imbieh (nilu) hames kfief dic is-sena mill'istess duieli hadt tmienia.

Uara dan ir-risultat hecc tajjeb jena hauuilt ghalka shiha duili, taitom ucoll in-Nitrat tas-Soda u nahseb li il giabra tcun sabieha ferm. Il quantità già dehret u hi bl'abbundanza u nispera li tahsir icun hemm ftit bhas-sena l'ohra.

Jena bkait nafulu uisk lil dac li issuggerieli biex nuza in-Nitrat tas-Soda u nibka bil uisk izied riconoxxenti leiu dauc li dahhluh f'Malta.

Il habib taghcom

GIUSEPPE SPITERI

*
* *

Illmu. Signur Editur u Direttur tal Foliu Agricolu industriali il Bidui.

Jena sur Editur sejjer n'gharrfech bil prova li jena ghamilt bin-Nitrat tas-Soda fil pianta tal patata. Jena, sinjur chelli circa ta 3 sighan raba patata, u jena iccultivaita b'dana in-Nitrat tas-Soda, u culhatt staghgeb bil cobor tal faxxina tahha, u jena geit mistoksi bosta drabi mil bdiena tar-rahal tghana x'ghamiltilha u x'demel taita, jena dejjem risposta uahda taitom, li ma ghamiltilha xein hlief taita biss id-demel artificiali Nitrat tas-Soda issa ghandech tcun taf ucoll sur Editur illi uara li ghadda iz-zmien tahha jena gbarta mil l'art u IL FROTT LI TAT CHIEN SABIEH BOSTA U BOSTA ACTAR MIL LIEHOR, IGIFIERI MIL PRODOTT LI TAT IL PATATA L'OHRA MINGHAIR IN-NITRAT TAS-SODA; issa ma dan hemm bzonn ucoll li uiehed icun jaf tajjeb chif ghandu jghamel uzu mil bexx tahha, ghaliex milli rait u ippruvait, in-Nitrat tas-Soda jisua biex jati is-sahha lil gheruk tas-sigiar, u il bexx bil cupru iservi sabiex izomm il pianta ciara u minghair l'ebda tebgha ta mard, però hemm bzon li uiehed jghamel uzu tajjeb min daun iz-zeug ricetti. Ghal dana il bexx, hemm bzonn li icun hemm pompa taiba sabiex uiehed ibexx hemm bzonn li jaghmel attenzioni cbira fit-tahlita tal cupru u it-tahlita issir fil mastelli tal injam ghaliex ma tista titnigges ma xein, u it-tahlita tirnexxi tajjeb bhal ma igheidu ir ricetti u cull min jghamel dana l'uzu ta daun ir-ricetti u jghamlu bi cbira attenzioni johrog uisk sodisfat fix-xoghol li jghamel u igighal ucoll lil hattihor b'halma kigded nictiblec jena li jghamel uzu tajjeb ta dana ix-xoghol u mux bhalma jghamlu x'uhud billi haltu fil barmil taz-zingu il cupru bil gir u bexxeu il pianta tal patata bli xcupa ossia b'ogg ett ihor ilghaliex cull min ghamel dana l'uzu hareġ jilminta li ir-ricetti ma jisueux, ghalhecc issa int sur Editur ahseb sabiex tispiega dejjem chif ghandu jintghamel dana l'uzu.

Serv tighec

SALV. SPITERI
Strada Reale No. 108
Siggieui

## FUK IZ-ZUNTIER.

(Tghalim.)

Peppi u Toni.

—

T.— Ara Peppi! Chif ahna.

P.— Haun ahna Ton, hilna dakxejn ma nintakau, jakau cont kghed thabbel rasec fuk l'affari ta Mannarinu?

T.— Ha....hai! X'Mannarinu, Mannarinu! Dic m'hix biccia li toghod ghali-a! Hemm min ihabbel rasu ghaligha bizzejjed.

P.— Hecc hu Ton. Isma, aktali cursità, inti forsi taf: x'inhi l'affari li kghed imutu daun il flieles collha!

T.— Il cagiun m'hux difficili biex issibu Pepp. Fis-saif, mita is-shana hi hecc kauuija, u ix-xemx tisreġ bla hniena, uiehed hemm bzonn li jippiovdi iddell chemm ghal flieles chif ucoll ghattiur l'iehor collhu.

P.— Imma jen nismahhom jgheidu Ton, illi il flieles chif ucoll it-tigieġ, sriedak u tiur ohra, xemx u aria iridu.

T.— Collhu veru! Minghair xemx u aria l'ebda hagia fid-dinja ma tcun tista tgheix; izda jecc icun hemm iz zejjed xemx, tekred ucoll il hajja! Il papr, specialment, ibghatu uisk min shana zeida.

P.— Seuua uisk Ton. Issa xtaktec tgheidli x'inhi ir-ragiui li bosta tigieġ ibidu il koxra tal baida tant irkiekà li spiss tinfaka f'ideich?

T.— Hemm hafna huejjeġ li jistau jiccagiunau dan, Pepp. Jecc tigiega tiehu katgha min xi hagia hia actarx tbid

b'koxra irkieka, ir ragiuni hi li tbid ftit kabel il ħin li imissa u allura ma tilħakx tintghamel il koxra. Tista ucoll tigri fuk tigieg li icunu hilom ibidu ghal bosta xuhur minghair ma jaktau. Jecc t-tigieg ma icollomx biz-zejjed ichel li jifforma il koxra, tigri li stess ħagia ucoll. Imbghad hemm casi actar seri, mita l'organu tal baid jimrda min geuua.

P. — Seuua uisk. Hag'oħra Ton. Chif ghandu uieħed izomm u juza id-demel tat-tiur?

T. — Id demel tat tiur, Pepp hu tajjeb ħafna ghalchemm uisk niekes mill l'otassa (*li tista tintghata bis-Sulfat tal l'otassa*). Izda l'euuel ħagia meħtiegia ħi li iz-zomm dic is-sustanza fieħ . . .

P. — U dan chif tghamlu?

T. — Jinħtieġ id-demel jinzamm f'post xott u daks chem icolloc demel iz-zid mighu ħamrija, biex nifthemu, cull koffa demel tghamel maħħa koffa trab . .

P. Fimtec, fimtec Ton.

T.— Dan ghandec tkalbu xi darbtejn jeu tlieta kabel ma tuzaħ.

P.— U chif tuzaħ?

T.— Ghandec dejjem tuza quantità zgheira, ghaliex nu kauui uisk, u jecc tuza iz-zejjed jaħraklec l'eruk tal pianti.

P.— Imma chif tatieħ, bħal l'jeħor?

T.— L'aħjar li it-tieħ hua lil prodott uakt li kghed jicbru, ix-xerrdu fil uicc u tonkxu chemm chemm.

P. — U tajjeb ghal prodotti collha Ton?

T.— L'aħjar prodotti li jeħdu gid minnhu huma it-tuffieħ tadam, il crafes, ħiar u'l basal.

P. - Grazzi ħafna Ton, mill informozioni issa s'er nara inħallicx ghax irrid immur nixtri ftit Nitrat tas-Soda.

T.— Ehh, marrak l'int! Taf x'ghandec tghamel hux biex tieħu prodotti sbieħ.

P.— U min ma jafx il-lum Ton. Ma cull min tintaka ifaħħar dan In-Nitrat tas-Soda; kghed jghamel miracli Ton, ma temminx!

T. U mela ma nemminx Pepp. In-Nitrat cull Bidui akli juzaħ, u din issena culħatt juzuħ, ghax is-sena l'oħra fejn tau in-Nitrat salvau il prodott tal patata, u'l patata tfisser FLUS ghal bdieua, tafx Pepp.

P.— Flus inghaid!!!

T.— Bonsua Pepp.

P.— Saħħa Ton, u grazzi ħafna.

## IT-TIELET COMPETIZIONI

Ghal din il competizioni irceveina 413 il-littra, min dauna 16 chienu purament politici u geu maktugha barra, tnejn oħra chienu minghair isem u indirizz ta min bghathom. N rriccmandau biex ma jictbulniex fit tul uisk, ghax causa ta dan chelna inħallu ħafna ittri barra, imfħabba in-nukkas tal uisa.

Il premijet li intatau chienu hecc:— Uieħed ta l'euuel, tnejn tat tieni, tnejn tat-tielet, ir-raba, il ħames, u is-sitta; b'collox 8 PREMI.

LEUUEL PREMIU (Ciurchett tad-deheb)

Gio. Maria Mangion (Bidui) — 36 Sda. S. Giovanni, Musta, Malta

IT-TIENI PREMII (Arlogg cull uieħed ghal but)

Giuseppe Zerafa — 71, Sda. Palma Vittoria—Ghaudex
Juann Mamo — 51, Sda. Azzopardi, Via Marsa, Hamrun.

IT-TIELET PREMJI

Martino Chetcuti, — Sda. Bennardini Marsa—Malta
Felice Camilleri, — 1 Sda. Chiesa, Sannat—Ghaudex

IR-RABA PREMJU

Nicola Camilleri, — 3 Piazza S. Giovanni Vlo. 1mo. Siggieui

IL ĦAMES PREMJU

Gius. Haber — 25, Sda. S. Lorenzo, S. Laurenz, Ghaudex

IS-SITT PREMJU

M'Angelo Vassallo, — Sda. S. Giacomo Vlo. 2do. No. 4, Siggieui

Ittri sbieħ bgħatu ucoll daun li ser insemmu, izda jiddispiacina ħafna li ma staimiex natu premi izied. Aħna intuhom prosit minn kalbna. jrsistu għal darb'oħra: -

| | |
|---|---|
| Nazareno Sammut, | 71, Sda. Parrocchiale, Siggieui. |
| Giuseppe Galea, | 43, Sda. Corsa, C. Caccia—Għaudex |
| Angelo Falzon, | 71, Sda S. Blas, Nadur—Għaudex |
| Giuseppe Vella, | 8. Sda. Parroco, Vlo. 1mo. Siggieui |
| Jos. M. Borg, | 13, Sda. Santa Margherita, Cospicua |
| T. Camilleri, | 3, Piazza S. Giov. Vlo. 1mo. Siggieui |
| Giuseppe Farrugia, | 115, Sda. Reale, Siggieui |

Sur Editur,

Jena krajt il foliu il bidui No. 7 u ridt bħas-soltu incun mieghec billi ridt infisser xi ħagia fuk is-sbula u il għankud tal għeneb.

L'istampa tal għankud u li sbula tal kamħ ifissru ħuejjeg gheziez bil bosta huma simbolu mkaddes u barra hecc iservu ucoll għal ħag'oħra.

Is-sbula li minna joħrog il kamħ li hu il ħajja tal bniedem hi msemmija bħala prodott mill'akua fl'Agricultura u għalecc f'cull pajjis il kamħ jinzara u jigi iccultivat, ħagia sabieħa li jigi imdemmel bin-Nitrat tas-Soda biex jagħmel izjed scond chif kal G. S. għax ictar ma jgħamel ictar icolna u il ħalla ma gemb il ziegħa tcun icbar u dries icolna izjed imma xejn ma iservi għal dauc li ma jokogħdux attenti fit-tidrija għax imurilhom il kamħ mar-rieħ u biex ix xogħol isir seuua hemm bzonn li it-tautima tigi mgħezza seu u li tcun uiesgħa chemm jokogħdu tlieta u m'hux izjed, il bidui għandu ihares lejn min igħeddisa aħjar minnhu biex jagħmel bħalu, dauc li icunu iderru għandom iħarsu lejn min iderri aħjar minnhom biex jagħmlu bħalom katt ma għandu lid-derrejja joħorgilhom ciapep tat-tiben; għax il kamħ imur għal għajn ir-rieħ permezz li tħoll it-tiben bil midra ittautima għanda tcun bħal ħagia mimduda, ir-rieħ jolkot f'gemba jitfa it-tiben li jigi mgħolli u maħlul u għal għajn ir-rieħ imur il kamħ, bceijec ta sbul ecc. u jigi mixħut f'nofs il kiegħa, uara li it-tidrija tcun lesta dic it-taħlita ta nofs il kiegħa tcun trid it-taħsil, jigifieri targia iggib il bhejem biex tfarcu seu imbagħad argia għezzu pħal kabel imma ftit il geuua biex dac li joħrog ma jigix fuk it-tiben, issa dan il bidui irid ixeccu jigifieri jakbad il-luħ u tnejn bil midra il barra minnu biex jakalgħu u jgħallu fir-rieħ u jitfgħu il kamħ kuddiem il bidui biex ileuhu gozz il geuua u isaffieh aħjar.

Il gemgħa għat-tarbil għanda tcun ħamsa:- uieħed jakbad landa tal petrolju bla għeuda jimla il kamħ gio fiha jitfgħu f'arbiel tat-trab l'icun f'idejn tnejn oħra daun jibdeu igħarblu billi jimbuttau il arbiel lejn xulxin mingħajr ma isevnuh u uieħed minnom iħauuad bidu fil arbiel (dan il għarbiel icun fieħ tokob irkak biex jgħaddi it-trâb u xi kâmħa irkieka) u imbagħad jitfgħuh fil arbiel tal kamħ li icun f'idejn it-tnejn l'oħra biex izomm iz-zuiel (bcejjec ta zbul, kamħ fil fozdoc u xi ħadba tal kamħ) u minnu jinzel il kamħ safi, biex isir seuua dan ix-xogħol il arbiel ta l'aħħar għandom jgħarblu bieħ billi fil uakt l'icunu jimbuttau lejn xulxin idauruh u dakka jgħollu dan il gemb u dakka jgħollu il gemb l'ieħor b'mod li il kamħ fil arbiel jibda idur bħalli chiecu hemm ftit *ilma kiegħed* idur mac-circu.

### Il Għeneb.

Il għankud tal għeneb jigi mid-dielja, sigra li hi imxerda uisk fil gzejjer tgħana u haun bosta postijet li jibcuha pħal ma huma ix-xari bi blat imfarrac u kegħdin zdingati għal mergħa, postijet maħlukin għad-duieli għax il għeruk taħhom jidħlu fil blat daks chiecu dieħlin geuua it-trab. Id-dielja trid il cura u il cultivazioni bħal pianti oħra, mhux bħal ma

xi nies li mita ihaulu id duieli l'art jahdmuta biss ghal meta jizirghu xi tagia kalbom! bhal masemmna F.C. fil harg'a ta kabel, u mbghad semma il cultivazioni u kal li ghandee tkabbad zabbar tajjeb izda hemm iz-zabbar li jghamillec ix xoghol seu u hemm iehor biex jithallas u jghamel xoghol hazin; u minghair ma icun jaf li iz-zabra ghanda issir ghal habta ta nofs Dicembru sa nofs Frar! Allura dan ixxogholxierak li icunu jafuh il bdieua. Izda la m'ahniex fil ghalka hemm bzonn li nati idea tajba biex min jakra jifhem seuua minghajr ma jicconfondi xejn.

## Iz-zabra tad-duieli.

Int li kighed takra gib kuddiem ghajnejc id-dielja, hi ifformata miz-zocc frieghi ta maz-zocc u zargiun u fiz-zargiun hemm xi rimi ucoll, cull zarguna u cull fergha li fiha id-dielja ghanda gherk fiz zocc u cull rimja ghanda l'gherk taghha fiz-zargiuna, allura uiehed ghandu jifhem li jecc takta ir rimi u iz-zargiun jissahhah u jecc takta nofs iz-zargiun toktol nofs il gheruk miz-zocc allura iz-zocc jissahhah icun jiflah irabbi minghajr ma ibati izzargiun li jibka.

Ghalbiex tizbor trid ghodda tajba u misnuna, ronka ghad-duieli tar-rabagh u mkass ghal cannizzati, rixa u formatur tridhom dejjem. Ibda mela l'euuel nett ara x'forza fiha id-dielja jeu inchella ara chemm il zargiuna halliela iz zabbar issena ta kabel u jecc tara li ifforzat bosta zidilha uahda jeu tnejn u jecc tara li ma ifforzatx la izzidiliex, tajjar iz-zargiun collu ta fuk il kadim u ir-rimi taz zargiun aktghu u qacciat dac iz-zargiun li hu tuil bosta u dac li mhux tuil la taktghu xejn ghax jigri li dic il forza ta dac li ktajt tiexaf fl'ahhar tliet rimjet u ghielhom li mita jarmu jibdeu jicbru u jiehdu is-sahha taz zarguna collha. Ara mela chemm il zarguna sejjer thallila biex tkacciat dac ta barra minnhom, ghazel zargiun mill isbah u li icun fuk il gdid ghax dac ta fuk il kadim katt ma hu tal frott bhal iehor allura jecc tara li fiha bizzejjed mnejn thalli fuk il gdid kacciat dac collu ta fuk il kadim u jecc tara li id-dielja hi mzakka hu hsieba billi tghazel l'actar zargiuna krib iz-zocc u tkacciata min tliet rimjet il barra u kis li daun ir-rimjet jicbru u sena ohra tista tigbor id-dielja chemm trid. Halli difer u katt zargiuna shieha ghax dic tiehu seghema u frott ma tatix; ma ngheidx g ad-dielja tal ghirghenti ghax dic taghmel fir-rimi ucoll, jecc issib xi rimja b'sahhita actar miz-zargiuna katt la tkacciat iz-zargiuna flóca ghax tcun ktajt it-tajjeb u hallejt il hazin il ktieh ghanda icun lixx seu jecc takta zocc chemm zargiuna min cull fein takta mghandec thalli ngropp iz-zcuc hoxnin ghandhom jinkatghu bir-rixa imbaghad jisseuueu bil furmatur. Ippratca l'ghodda fuk hatab maktuh: biex uiehed izomm id-dielja seuua ghandu jirmondaha, u chif? meta ir-rimi tad-dielja jicber ftit ghandec issib li dac iz-zargiun li tcun kacciatt it-tliet rimjet tat-tarf chibru bosta jecc din izzargiuna keghda boghod miz-zocc u irrimjet bil gheneb kacciat daun ir-rimjet xiber il barra mil gheneb u jecc ma fihomx frott akta iz-zargiuna barra mirrimja li fiha il frott, hecc ghamel mazzargiun l'iehor; akta ir-rimi ta bla gheneb min fuk il kadim u jecc xi dielja mzakka ahsbilha ghal difer, uiehed jirmonda kabel il bexx il faxxina li takta tcun tajba ghal bhejjem.

Id dielja tghamel il gheneb (Frott) li barra milli hu tajjeb ghal ichel johrog minnhu l'imbit u il bdieua taghna collha keghdin jaghsru l'gheneb ghax rauh tajjeb l'imbit ta Malta u cull ma jghaddi izzmien hecc actar jitghalmu jghasruh u minhabba f'hecc keghdin jehdu hsiebom avvolja keghdin imutu bil mard; hadu hsieb ihaulu duieli Americani, izda hemm hagia tfixchel ghax il haddiem tghana jixtri imbit ta barra ghalhecc kighed jigri cull sena li ftit jixtru gheneb u il bidui jicconfondi bl'icollu li chiecu jidra jixrob ta Malta l'haddiem, chemm ihauuel duieli izjed il bidui chemm jaghmel curagg u chemm jehu hsieb jiccurahom izjed! u b'hecc Malta icun fiha izjed sigiar zgur.

Imhabbá il marda tal filossera, l'ahjar

hagia hi li uiehed ilakkam fuk duieli Americani.

L'ahjar duieli ghal "Imbid Aljad" f'Malta, huma: *Marsusa, Insolia Marsusa hamranija, Insolia Françisa tal imbid, Insolia ħadra, Gorbinà baida, Insolia hoxna, Insolia ħelua Moscato di Canelli* u ftit ohra.

L'Ahjar duieli ghal "Imbid isued" huma: *Pinot noir, Isued tal Beika, Seuda tal Moha, Alicante Henry Bouschet, Catlana seuda, Mammolo Nero, Gelleuza tuila, Nebbiolo, Griniolo;* u xi ohrain.

L'ahjar gheneb ghal meida huma:— *Insolia ħamranija, Insolia tal Ghirghenti, Nigru Gros, Trebbiano della Fiamma, Bezzula Baida, Mignuna baida tar-Rabat, Salamanna, Gelleuza seuda, Insolia ta Burnaħħala, Muscatell;* u xi ohrain.

## It-Tin.

It-tin barra milli jista jittiechel xhin jinkata mis-sigra jista jinhazen fi bramel ghal sena jeu izjed jakbel ghal ħaddiem li jixtri barmil tin ghad-deserta flok li jixtri ta cull jum tamal li hu nofsu zerrigha jeu tin ta barra li it-tin ta Malta ghal gmiel tieghu hu mil akua! xi gmiel ta tin chemm hu isfar? chemm ifuh? culur il ghasel tan-nahal li icun mzhamul mis-satar, din it-tieba dan il culur din il fuieha titrabba fuku jecc icun approvat tajjeb ghaliex haun bosta bdieua jitilfu dan il frott b'idejhom, biccia minnhom mhux ghax ma jafux joprauh zda biex jehilsu mix-xoghol tighu imbaghad gharahom irossuh fi bramel u ghal xiber fil uicc ikassmu ftit ghalieh u jahdmuh chif imiss u imbaghad ghal bejh jizau ftit malizia u ibighuh b'tajjeb allura jigri li il haddiem meta isib hecc ma jargiax jixtri u daun il bdieua uara li icun tilfu il fama lit-tin icunu juru li m'ghandomx cont ta ruhhom.

Sabiex it-tin ta Malta icun imfaħhar hemm bzonn li icun oprat tajjeb u mahzun m'inghajr imbrolji biex talli uiehed jixtri ihallas u b'hecc il haddiem icun jista jixtri bla biza ta xejn barmil tin cull sena, u ghalfejn haddiem uara li icun bata tant biex kala il flus u actarx icun id-dejjen il bobz biex xtara barmil u imbaghad isibu hazin? u inbaghad bidui jecc stess icollhu ftit ħazin ghandu xi annimal li jeclu; allura ghamlu ix-xoghol seuua, u chif? It-tin uara li icun misjur ghandu jinkata mis-sigra minghajr tkaghbir imbaghad ghandu jitkassam fuk il bjut jeu blat it-taksim ghandu isir bis-sicchina ghax bl'idejn ix-xemx tahchmu iz-zejjed u jonkos mil ghasel, ma ngheidx chemm idum jixxemmex ghax dan jiddependi mis-shana, mita icun ghoddu ixxotta ghandu jitkalleb ghal ħabta nofs inhar u fil ghaxija jidgheddes u jitghatta minhabba in-nida tal-lejl l'ghada xhin tishon ix-xemx ghandu jitferrex u culltant jitħaunad sachemm icun capaci biex jintela fix-xchejjer katt ma ghandu la jinħef bosta u ankas jintela artab mghandux jitkassam fuk gozz tal ħatab ghax min taħtu jghaddi il frisc u taxbad mighu zerriegha tal moħħa u jitħassar, ighidu li meta jitkassam fuk is-satar icun tajjeb, jista icun ghax billi is-sigra tas-satar imfattra ma l'art ma tanc ighaddi frisc minna u bhal ma it-tajjeb il ghasel bis-sustanzi taħħa jakbel uccll li birrieha taħħa tghamel toma tajba fittin allura meta it tin jinkata collu ird il ħazin kabel uieħed jghazlu, hemm bżonn li uieħed ixemxu, jghazel xi uaħda ħazina u iħaudu xi darbtejn u ħollu taijeb minn xulxin jecc fill cas xi taksima tin tidmdda bix-xita ghanda tixxemmex ghaliha u tintela f'barmil iħor ħazna ghanda issir f'rieh tajjeb ghax inchella jintilef u icun aħjar li ma saff tin uieħed jixħet ftit uerak tarrand u barra hecc icollu bzonn li jintrass tajjeb izda biex isir hecc sgur hemm bzonn toħorog ligi nghidu b'esempiu tnejn minnies uieħed bieħ u iħor xtara barmil tin, ħsibu mimli bl'imbrolji u jigu f'cauza il Magistrat isib li imhabba il ftehim taħhom ghandu jigi jitlifa ix-xerrej izda il bejjeħ ma ghandux jeħles b'xejn ghandu jigi f'idejn il giustizzia bhala ħati ta serk u imbaghad jigi iggiustizziat. Inchella min jixtri icollu dritt li jecc isib li il barmil mhux mimli chif imiss jista jghamillu il causa, mhux ichel ta giur-

nata ghal haddiem izda ghal sena ghalhecc ghandu bzonn isibu tajjeb biex jissocta jixtri. Mela jecc issir din il-ligi it-tin ta Malta jehu il fama u jibda jitfittex u il bidui izid fis-sigiar u ilakkam in-nibbiet tat-tin collu seu dac li ma jghamilx chemm dac li jghamel u fitloghma ma izunx *tajjeb*.

L'euuel li ipprovajt in-Nitrat tas-Soda f'mixtla gidra din uara li chien hila mnebta duar xahrejn u nofs u nebbiet floc li jghadci il kuddiem imur lura u imut u il uerak ahmar li cont nisthajlu marid fettilli inholl mimli mgharfa Nitrat gio barmil ilma u sakkejt din il hammiela sa l'ghada il uerak ha culur ahdar u ma lahkux ghadceu gimghatejn li ma lahkitx ghat-tahuil, ipprovajtu ucoll fi fitit bjut tal gidra biccia sakkejtom bin-Nitrat u ohrajn bl'ilma biss uara xi gimgha hdimt l'art u fejn sakkejt bin-Nitrat irgiait raxxejtlu ftit maduar il bjut il gidra tan-Nitrat chibret forzata u chienet tarija u il uerak chien ahdar u miftuh izjed mil ohra ghax ta dic chien safrani.

GIO. MARIA MANGION. Bidui.

No. 36 Strada San Giovanni, Musta-Malta

## Chelmtejn fuk l'Agricultura.

Il Gzejjer ta Malta u Ghaudex, huma bla dubiu fa xein artijet mill ahjar ghall biedia, u chif nafu jinsabu min zmenijet l'actar antichi imfahhrin ghat-tieba u l'uciuh tahhom. Il kmuh, id-duieli u il frottijet sbieh u bnien li ghanda il hila tati din l'art, chienu icunu bizzejjed biex il pajjis isir ghani, li chiecu il bdieua taghna, ma bakghaux lura, fis sena tal hidma tar-raba u gharfu jimxu seuua maz-zmenijet. Ghalhecc jinhtieg li huma isiru jafu b'liema heffa, u ghakal, il bdieua ta band'ohra jahdmu ir-raba tahhom, fein donna l'art tatihom min jedda cull xiorta ta uciuh u bil cotra; chif ucoll li icomplu jitharrgiu seuua f'din is-sengha tant mehtiegia, u l'izjed onesta fid-dinja, billi jibdeu inehhu min mohhom, hafna hmerijet, jeu pregiudizzi li huma ghandom, minghair bosta drabi ma jafu jatu ebda ragiuni tahhom, chif ucoll jibdeu idahhlu dauc l-ghodod li bihom, chif nafu il bdieua ta band'ohra taht ihaffu ixxoghlijet tahhom.

Barra min dan, hemm bzonn li uiehed isir jaf, liema huma il mardijet li jghaksu jeu joktlu l'uciuh u il frottijet tas-sigiar, u chif jista ifejjakhom; bil hsieb li il bdieua tghana, jifthu ghainejhom darba ghal dejjem. Izda chien jonkos li xi hatt imharreg seuua fis-sengha tal hidma ta l'art, u mgharraf ucoll mil mardijet tas-sigiar, billi inebbahhom bighom u ighallimhom chif ghandhom jicxfuhom u ifejkuhom. Chif ucoll ifemuhom, fuk in-natura ta din l'art u x'jonkosa biex f'xi bnadi tcun f'tahha seuua, u ighalmuhom ucoll jirrispondu u jahdmu fuk id-domandi li gejjin:

1. Liema huma il prodotti li jistghu jigiu mahdumin bi profitt acbar?

2. Il mod li bieh haun fostna jinhadmu id-duieli u isir l'imbit, hux bhal ta barra, u fiehx x'uiehed imakdar?

3. Liema huma il mardijet li haun fostna keghdin ighamlu hsara fid-duieli, u fil cas x'ghandu uihed ighamel: Liema hi l'ahjar tilkima?

4. X'uiehed ghandu ighamel biex icollu imbit tajjeb li ma jehzienx u ma jikrasx?

5. Chif uiehed jista icattar il prodotti tal kamh fl'ghodod tas-sengha tal art.

6. Tistghax issir xi hagia ghall'ahjar fir-rziezet fil bzar jeu demel chif insejhulu?

7. Il hidma tas-sigiar tal frott tistax issir ahjar?

8. Chif uiehed jista ihares il frottijet tat-toffieh tal langias u tal kamh, min din id-duda li tmarradom u tuakkahhom bicri?

1. Il prodotti li jistghu jigiu mahdumin bi profitt acbar hia id-dielia. Icun bizzejjed li uiehed jatiha ftit demel cull tliet snin. Dan jisua ghal zeug huejjeg leuuelnett biex iseuui l'art u imbghat biex minnu tcun tista tislet dac (l'azoto) li tehtieg; mad-demel ahjar tati in-nitrat tas-soda ghaliex dana jekred l'insetti ucoll, u tista tatieh f'April u Mejju, il potassa fil harifa, li jigiu mghotia ma duar iz-zoc, chif ucoll vitriol fuk iz-zargiun u il uerak u cubrit, u icunu bizzejjed li tcun tmexxi id-dielia phala tarbia mghonia bis-sustanzi.

Uara id-duieli jigi il kamħ, izda hemm il bzonn li uieħed jizirau uara is-silla jeu il ful, il giulbiena, il pizelli, f'chelma uaħda uara pianta mil familja tal legumi, il ghaliex daun il pianti ghandom il virtù li jeħdu (l'azoto) mil aria, jitmantneu bih u fl'istess uakt ighanu ucol bleh l'art. Bdan il mod iz-zbula tcun keghda issib fl'art dic il ħagia li chif ghedna actar teħtieg biex ticber f'saħħita, timla seuua u tati kamħ bil cotra.

2. Il mod li haun fostna jinħadmu id-duieli, li ghandna inzommughom fil bax chem jista icun, biex ech tcun imħarsa mir-rieħ li fein jaħchimgha ighamilla ħsara cbira, u ech bdan il mod l'gheneb icun actar misjur; billi jeħu is-sħana ta l'art li icun meħtieġ, u isir chif imis, u ech l'imbit li jati icun actar kauui, u icun iħabbata ma l'aħjar imbejjet. Iżda biex jirnexxi ċan li kighed inghaid, ghandu uieħed icollu l'ghakal u ghamel ech.—Jacquista id-duieli Americani, mil nursery tal govern f'Malta u Għaudex, billi jitlob, u jati l'informazioni ta l'art, xi qualita ta art fein icun sejjer iħauuel, lil ufficial incarigat, u dana igharaf ighejdlu chif irabbi daun id-duieli u jiccurghom, igharaf ucoll jatieħ duieli, li isiru f'dic il qualita ta art, li icun kallu bia.

3. Il mardiet li ghaun fostna keghdin ighamlu ħsara fid duieli? Huma il Filossera, ghal din il marda, l'aħjar cumbat id-dielia americana u fukom issir ittilkima mid-dielia Europea ghaliex din id dielia americana bil quantita ta xniexel li ighamlu, jiccumbattu il flossera izjed mid-dielia tghana.—(Oidio crittogama) Uncinula Spiralis—Din m'hix ħlief fakkieħa jeu gherk, li jidher ghall'euuel fuk il uerak, fuk il frighei, u fuk l'gheneb, bħal dbajja sued, cull fein icun minsus, malair jitghatta bi trab baidani li ma icunx ħag'oħra ħlief cotra cbira ta zerrigha u li biħa tixtered f'dakka din il marda, u tghamel ħsara cbira; biex uieħed iħares id-duieli min dan il mard jeu ifejjakom minnu, meta icun kabat fukhom, ghandu jatighom, il cubrit mishuk seuua, ghall darbtein jeu tlieta, bil minfaħ, biex joħrog bħal ħsaba, u jixtered seuua fuk ix-xniexel, u il uerak, ghandu jintghata l'euuel darba meta il frighei giodda icunu uaslu biex joħorgiu in-nuar, jeu uakt it-tinuir seuua; it-tieni meta l'gheneb icun ta nofs daks.—Jech imbghat minħabba ix-xita jen l'umdita dan l'gherk li semmejna jargia jitfaccia, jinħtieg li jigi mghoti il cubrit ċarb' oħra; dana il cubrit ma ighamel katt deni meta tatieħ regulari, il cubrit dejjem ghandech tatieħ bein it-tminia u nofs inhar, jeu bein it-tlieta u is-sitta ta filghaxia, sabiex jati l'effet tighou fis-sħana tax-xemx, u inissel il gas taħt l'isem ta acido solforoso li ghandu il ħila inixxef f'dakkaka uaħda u joktol dan l'gherk.—(Il Peronospera) Ir-rimediu biex jista ibighed din il ħsara mid-duieli u ifejjakhom, meta taħbat fukhom din il chiefra marda hua il (Vitriol). Dan il Vitriol ghandu icun pur chem jista icun jigifieri minghair taħlit ta Vitriol ta coluri ohra, bħalna huma il vitriol aħdar (solfat tal ħadid), vitriol abjad (solfat taz-zincu, ecc.) Meta uieħed jixtrieħ ghandu icollu premura chira biex jichsbu safi chif ghedna il ghaliex bosta drabi jimbieħ bir-rħis billi icun imħallat. Id dosa tal vitriol hia din: Uieħed jeħu maduar tliet quarti vitriol u iħcllu fi tlieta jeu erba misħun, jech ma iridx ighamel misħun jista ikighed il vitriol geuua borsa min filghaxia u idendlu geuua l'ilma; f'sghatein jeu tlieta jinħal uaħdu. Chif icun ech maħlul, ħaltu ma 90 litru ilma, imbghad jeħu ratal u quart gir mitfi chif ghedna, ħollu geuua erbgha jeu ħames litri oħra ilma u biħ ghamel il ħalib bħal dac tal bajjada. Dan il ħalib jixħtu f'dauc id-disghain litru ilma ta kabel u hec icollu id-dua li semmejna: Il cupru tal vitriol m'ghandu katt imis ma metal iħor li ma icunx ram, per esempiu ħadid jeu landa; iżda jista jitkighed geuua xi ħaga tal injam jeu ħgieg u foħħar.

It-tilkima—L'aħjar tilkima hia l'inglisa, u quasi ma fallit katt din it-tilkima tingħakad tant tajjeb flimchien, li uara sentein jeu tlieta ma icunx fadal izjed ebda sinjal fein saret it tilkima.

4. X'uieħed ghandu ighamel biex icollu imbit li ma jeħzienx u ma jikrasx?— Chif rajna issengha tad-duieli titlob attenzioni cbira, ech ucoll is-sengha u il ħidma ta l'imbit ghanda irreguli taħħa, u jinħtieġ li jitcompleu bir-rekka colla inclelè katt uieħed ma jista jasal biex icollu imbit tajjeb. Ghalech min ma ghandux il mezzi u is-sengha l'aħjar ħaga li jista ighamel hi li ibieħ l'gheneb lil min jaf jaħdmu seuua. B'dan

il mod jakbillu uisk izjed, il ghaliex idaħħal flusu u ma ikighedtx ruħu fil pericolu li jitlef il kaleb u il gbejna: — Min immela ighasar l'imbit ghandu dejjem izom kuddiem ghajneih daun irregoli li gejjin: —

A. L'gheneb ghandu icun misjur m'hux imħassar jeu mifkuħ u l'ankas imcasbar bit-trab.

B. L'gheneb ghandu jitneħħa mill gherk jeu xenxul minnufieħ uara li jigi maktuħ mid-dilja jech jista icun fl'istess giurnata li fiha icun sar il ktieħ.

C. L'ghain jeu vasca jinħtieg li tcun maħsula tajjeb blacidu solforicu 5 o/o; bil potassa u imbghat bl'ilma baħar inchella bil misħun imħallat bil melħ,

Meta jitkighed fiha il most bil fosdok u jibda ighali ghanda tokod mghottia. Biss uieħed iħallila tokba zgheira biex minnha icun jista joħrog l'acidu carbonicu. Il fosdok jeu ksur ta l'gheneb uakt li il most icun ighali jeħtieg li icun mizmum mgharrak inclele icun hem bzon li cull sitt sighat jigi mħauuad biex ma ighakadc fil uicc.

D. Uara tliet ti'em jeu erba ghandu jigi imsoffi u mixtut fid-duħ u floc ittap tas-sufri jista jitkighad tap ieħor tal landa mimli bl'ilma, mghamul b'mod li minnhu icun jista joħrog il gas minghair ma titħol l'aria ta barra.

E. F'Dicembru meta icun ħa il csieħ seuua u l'aria tcun calma ghandu jigi imsauuab f'duħ ieħor jeu chif ighajdu travasat, u imbghat mil gdid f'Marzu; izda jinħtieg li dan id-duħ tant l'euuel chem ucoll it-tieni darba icun nadif seuua, minghair dac il kxur tat-tartru (li minħabba fieħ jintilef tant imbit) u icun lest ghall vasca.

F. F'laħħarnett id-duħ ghandu icun dejjem mimli sa fuk inclele l'imbit jikras. — Fuk dan li ghedna jinħtieg li uieħed igib ruħu b'dan il mod: - Meta isauuab l'imbit it-tieni darba, min duħ ghal ieħor jeu chif ghedna jittravasaħ, dan it-tisuib ghandu isir bil manichetta jeu tubu tal gomma biex ma titħolx l'aria, u ma joħrog il gas acidu carbonicu.

Kabel xein ma jimla dan id-duk ghandu jaħrak cubrita biex b'hec l'imbit 'izom. Min ighamel dan ma icollu ebda dubiu li l'imbit sejjer jikraslu jeu jeħzien: Jikras bis meta uieħed ma icunx jaf izommu chif imiss.

Meta il Bittia tnakkasgha xi ftit, il voit li icun hem imlieħ bid-duħħan tal cubrit bil pompa li jinsabu mghamulin ghal tal apposta, u ghandec timlieħ almenu cull ħmistax sabiex ma jikrasx u b'dan il mod l'imbit katt ma jigrilu xein. - Min ikassam l'imbit f'Marzu geuua iddamigani u jittravasaħ, ghandu jitfa mghola zeug soldi zeit taz-zebbuga fil uicc sabiex l'imbit ma icollux x'jaksam ma l'aria.

Meta l'imbit jibda jikras xi ftit, din il krusa probabilment tista titneħħa, — billi uieħed jixħet fid duħ it-trab tal carbonat di calce nofs artal u nofs quart cull zeug bramel imbit.

5. Chif uieħed jista icattar il prodotti tal kamħ? — Fuk din gia tchellimt il fuk izda nghaid chelmtein oħra; il kamħ dejjem ghandu jinzara fuk pianta mil famiglia tal legumi, u katt ma ghandu jinzara sena uara oħra fl'istes ghalka, ghaliex jech isir ech icun irid spisa cbira sabiex jirnexxi chif imiss -- U l'ankas ma ghandu katt jinzara ghall aħdar sabiex jittiecel min l'annimali, ghaliex il kamħ jekred uisk mil azoto nitrico li icun maħzun fl'art, u ech ma isirlux spisa oħra cbira ma jatix prodot abbondanti is-sena ta uara.

6. Tistax issir xi ħaga ghall'aħjar fl'imkajel, fil misbla u fl'ghodod tas-sengha tal'art? — Il bidui ghandu dejjem ighamel attenzioni cbira fuk il makjel l'ghaliex fiħ jista jaħzen dauc il ħuejjeg li huma meħtiega mil'art, u li bighom ir-raba jati bil cotra. Mil makjel jigbor il ħmieg u l'aurina tal gniedes, u bakar, ecc. li bighom ighamel l'aħjar demel u dan mghoti lil art jargia jatiha dac li tcun tilfet bluciuħ ta kabel.

Il Misbla — Dauc il brug ta demel li jinsabu imghadsin geuua ir-raba, ftit jisueu, l'ghaliex ghan-nukkas ta sengha, icunu tilfu cotra cbira mill (azoto) li kabel chien jinsab maħzun fighom. — Id-demel huа tajjeb gharraba, izda jinħtieg li uiħed icun jaf ighamlu u jeħu cura tigheu. Billi il misbla tcun keda imdaura bil ħitan seuua u ghanda tinbex bl'aurina ta l'annimali, u titghatta b'mghola subain trab. Dan id-demel uara sitt xhur jista uiħed jeħdu geuua ir-raba l'ghaliex icnu sar, izda jec ma iridtx jatieħ l'art minnufieħ ghandu ighattieħ bit-trab.

L'ghodod — Il bdieua taghna bakghu uisk

lura fl'ghodod tas-sengha taħħom, l'ghaliex dauc li bihom ghadhom sal-lum jaħdmu l'art taħħom ifaccruna fiz mien il Fenici, fil uakt li il bdieua ta artijet oħra ghandom ghodod mghamulin uisk bil ghakal u bighom iħaffu ħafna ix-xgholijet taħħom:— Dan iz-zmien ech mitluf f'xgħolijet zejda, ta nukkas ta ghodod jista jigi applicat bħaga oħra, u tista tonkos ħafna it-tbatia u tixrid ta gharak. Il bdieua ghandom bzonn jimxu maż-zmenijet tal-lum u jammirau il gabillot strangier? (fuk collox il govern irid jibda u jati esempiu hua) billi jituakkaf experimental Farm f'Malta Ghaudex u ifornieħ bghodod u jati lectures lil gabillotti.

7. Il ħidma tas-sigar tal frott tistghax issir aħjar?—Billi din l'art hi uisk tajba għas-sigar f'Malta u Ghaudex u il bdieua tghana jistghou ibighou tajjeb f'Malta il frottijet, jixrak li huma ma jittrascurаux il ħidma tas-sigar.—Haun jicbru u ighamlu ħafna is-sigar tal ħauħ, tat-tuffiħ, tal ħarrub ecc, L'ghallex immela ma jitħaulux bosta minhom ma tul il ħitan tassejjeħ u fir-rdumijet biex ech icunu imħarsin mir-rieħ?— Izda biex daun is-sigiar jatu ħafna, hem bzon li meta uieħed iħauuilhom ighamel ħofra uasa u ibazzara tajjeb. Imbghad cull sentein jizra ma duarghom xi giulbiena ecc., u mazzerrigha jati in-nitrat tas-soda, u u meta din tinbet u tcun sejra tati u toħrog linuar. Ghazaka hec ħadra, u ghattia bit-trab:— B'dan il mod is-sigar jeħdu irruħ; saħansitra it-trab ibiddel il-leun u isir aħjar ghax-xghol u actar ghemmiel.—Hi ħaga uisk sabiħa li uiħed jati is-sigar l'istess ghamla ta frott li huma jatu, chif jafu ighamlu il bdieua ta barra.—Ghaun fostna iddud li imarrad is-sigar li hua dan.

A. Fuk is-sigar ta l'ghambakar u tal langias tinsab id-duda mgharufa taħt l'isem ta (Tingis Pyrri)

B. Fuk it-tffieħ tinsab dic il kamla ħamrania msejħa (Schizoneura lanigera)

C. Fuk is-sigar u frott tal langas u tattuffieħ tinsab dic il camla li isejħula (Corpocopsa episale)

D. Dan id-dud ighamel ħsara fis-sigar colla tal frott (L'oidio critogama) (il Peronospera infestans) (Lexoascus deformans)

1st. Loidio crittogama.— Li ighamel ħsara fit-tuffieħ u il ħauħ, u id duieli.

2nd. Il Peronospera infestans—Fuk il patata, izda ħaga zghejra, chif ucoll fuk it-tuffieħ tadam.

3rd. L'exoascus deformans fuk il ħauħ.

Daun il mardijet li ighamlu ħsara tant cbira fis-sigar illi min xi bnadi ta pajjisi oħra kerdughom ghall collox, illum il giurnata, jista uieħed ifejjakom bi huejjeg ta xein, izda pacenzia cbira. — Xi Professuri Francisi ighatu daun ir-rimedji.

Id-duda tal langias (Tingis Pyrri) (1) il kamla tal ħauħ, tat-tuffieħ u tal ghambakar (Lexoascus Deformans) (2) (L'oidio) jista uieħed jiccombattihom u ifejjakhom bid-duua li issir mil cupru (vitriol ichal) gir mitfi u ilma. Daun il Professuri ighajdu li din ittaħlita ghanda issir b'dan il mod:—

A. Minnufieħ uara li is-sigiar icunu ħargiu inuar.

| | | |
|---|---|---|
| Cupru (vitriol ichal) | kilog. (3) | 0. 800 |
| Gir mitfi | „ | 3. 00 |
| Ilma | litri | 100. 00 |

B. Meta il frott icun ta nofs daks ghandu jargia iniddi seuua collox, uerak, frighei, u frott u ighamel din id-dosa.

| | | |
|---|---|---|
| Cupru | kilog | 0. 800 |
| Gir | „ | 0. 800 |
| Ilma | litri | 100. 00 |

Din l'istess ħagia tista issir ucoll ghall pħajra u tghamlila ħafna gid, izda hemm bzonn li iniddi seuua il uerak miz-zeuġ bnadi.

Biex uiħed jekred il kamla tat-toffieħ (Schiz-zoneura lanigera) laħjar rimediu hu dan:—kighad fuk in-nar iz-zeit ta l'ichel u malli icun ighali tħallat mighu ukia u nofs naphtalina, ma cull litru imbghad malli jicsaħ tisboħ biħ iz-zoc u il frighei. Din il ħagia ghanda issir f'Dicembru u Marzu.

8. Chif uiħed jista iħares il frottijet tattuffieħ tal langias u tal ħauħ, min din idduda li tmarradhom u tuakkaħħom bicri?— Jinsabu zeug dudiet li specialment uara inuar jaħbtu fuk daun il frottijet li semmejna u ighamlulhom deni cbir. Saru bosta studi fukhom mill'ghorrief, izda actarx ħadd ma irnexxielu isib rimediu cert. Izda daun l'ghorrief irraccomandau fein is-sigiar huma baxxi pħal ta Malta u Ghaudex billi uieħed jista

(Icompli f'pag. 20.)

# 228 Ratal Patata izied f'sieh u nofs raba!

## TINSIEX!!!..

Tinsiex li inti tista tiehu prodott cbir u sabieh ta

# PATATA

jecc inti tuza in-Nitrat tas-Soda ;

Fi prova id-direttur tal ghalka sperimentali tas-"Società Economico-Agraria" ghamel sieh u nofs raba minghair Nitrat u sieh u nofs jehor b'in Nitrat tas-Soda u ir-risultat chien hecc:—

Fein chien minghair Nitrat tas-Soda tà 313 ir-Ratal Patata
,, ,, B'in-Nitrat tas-Soda ta **514** ,, ,,

Jigifieri f'sieh u nofs raba fejn usa in-Nitrat tas-Soda, it-tiehed **228 Ratal Patata izjed** milli ittiehed min fejn chien bla Nitrat!!

Titlifx flus izied, ibda uza in-Nitrat tas-Soda u tibkax ghama ghall'interess tieghec stess.

In-Nitrat tas-Soda m'hux biss hu sustanza kauuia li igieghel il prodotti jghamlu bil cotra u isbah imma ucoll, billi isahhahom, jgheinhom biex ma jimirdux.

jilħakom, jista uieħed jimla bli spirtu pom pa bħal dic li jatu biha iz-zeit lil macni tal ħiata. u cullfein jilmaħ il frott imtakkab min dan id-dud ikattar fit-tokba taktira spiritu. Dan malair joktol id-duda u ifejjak il frott li icompli jicber minghair xein ma jitħassar. Izda din il ħagia jista ighamila biss min lcollu ftit sigiar; min icollu ħafna ghandu jakta il frott minsus u jara x'jaghmel biħ kabel ma icompli jitħassar ghal collox.

Hemm il bzonn li uieħed icun jaf u izomm kuddiem ghaineiħ li dan id-dud actarx jinħeba fix-xitua taħt il koxra taz-zoc tas-sigiar.

GIUSEPPE ZERAFA.

---

(1 Id-duda jeu bakka tal langias (Tignis Pyrri) hi tant zghejra li bil chem tidher bil ghainein. Din takbad mal uerka min-naħħa ta taħt u tarda l'ummri; Dan il uerak meta icun milkut min ħafna min dan id-dud malajr jisfar u jinxef.

(2) Din il marda tolkot biss il ħauħ u il lenz, tidher fir-rebbigħa u tixtered b'ħeffa cbira.

(3) Kilog. fiħ ratal u quart tghana.

## Taghlim b'dakka t'ghajn fuk il Biedja.

Sur Editur,

Argiajt int ghat-Tielet Darba stedint lill Maltin u Ghaudxin collha, cbar u zghar, bdieua u dilettanti, ecc., ghall aħjar ittra li titchellem fuk il Biedja u is-suggett icun l'icun. Jen, bix-xeuka tal gid, taghlim u incoraggiment ghal istess Biedja, inkieghed kuddiemec cullma issib haun taħt f'ittra, minnec fil *Bidui* mitluba, ghalbiex minnec iccunsidrata tigi.

Nibdeu.—Naghmlu flimchien, immela, titjira bħala ghasafar fil gholi ghal fuk il pajjisi ta ma duarna u narauhom b'ghajnein biduija. U intom, o Maltin u Ghaudxin li lil Biedja tħobbu u li il kuddiem tghaddi tixtieku, ghamlu bħali, tiru mieghi, sabiex flimchien nitghalmu x'jaghmlu dauc il bdieua t'artijet oħra, x'jaghmlu il popli u il Gvernijet ghalbiex il bdieua taghħom izidu il kalb u jatu il ħajja lill pajjis.

Hi chif inhi, tirna, tlakna. Immexxu ghajnejna tal moħħ, immela, minn dan il gholi lein il giara taghna, u nibdeu mill

ITALIA—Il Bidui ta din l'art l'actar sigiar li hu jiccoltiva huma id-duieli, is-sigiar taz-zebbuġ, il kamħ, ir-ross, u il frottijet irkak. Mit-taksima Umbria sal Lombardia, jigifieri min-nofs il pajjis il fuk, il bidui dara ġmiełu jaħdem bil ghodod moderni, izda mill Calabria l'isfel lejn Skallija dan il bidui fi bdil il ghodod ghadu ftit u xejn lura, rasu jebsa bħal ta xi uħud mil bdieua taghna! Ma dan collu, it-taliani, minn fuk s'isfel m'haunx ghaliħom ghad-duieli. Meta, xi erba snin ilu fi zmien id-duieli cont tiela ghal Milan minn Capua sa Ruma, niftacar ma rajtx ħlief baħar ta duieli mifruda fuk il kasab cullfejn tuassal il vista, u il vapur jigri dejjem! Huma jibghatu uisk imbejjet mad-dinja bl'eghneb li jatu jiccultivau, u li ghaliħ ma igibu ebda scuza biex juzau in-Nitrat tas-Soda, jeu ħuejjeġ oħra li biħom jghaddu il kuddiem. Fejn m'ghandhomx ħamrija, iħaffru conca fil blat, jitfghu ftit tira' sachemm takbad, id-dielja tmattar l'eghruk fi xkuk il blat u issir ghammiela, u b'hecc l'ankas ta gholja ma tara vojta. Chiecu naghmlu hecc ucoll aħna il maltin lejn uara Malta, fejn m'hemmx ħlief blat u moghxa?—Nimxu izjed lejn il Punent.

FRANZA—Il Bidui ta din l'art, ghal dic li hia biedja, l'art iħaddima uisk fil koton, u ucoll fid-duieli, li l'eghneb taħhom jinħadem imbejjed fil Burgandia u f'Bordù. Fil Brittania u Normandia imbghad il Bidui (1) izomm uisk bhejjem tal ħalib ecc., li minn ħalibhom joħroġ butirijet u jibghat bajd lejn pajjisi tal krib. Il bdieua Francisi izda immodernizzau, jigifieri ghaddeu uisk il kuddiem fil ghodod tar-raba' u meta xi nies, bħassur Zammit-Marmarà, l'iriduhom jghaddu il kuddiem imorru jaghmlulhom xi taghlima, ichellmuhom minn fuk li speci ta palc, bħal fil Uirja tal imnarja, daun il bdieua ma jokghodux igibu cautieli, jeu jisimghu biss bla ma *iridu* jifhmu, u l'ankas minn fuk jokghodu ighidu "In nanna tieghi ma ghaddiex? ma ghex? M'hux bl'imghazka chien jaghzak? m'hux bid

demel chien idemmel, ecc.? — Il mniefah, imma, nakbzu ahna, X'differenza tghaddi bejn in-nannu tieghu u bejn daun in-nies!!! Izjed il kuddiem.

SPANJA—Din l'art hia ghammiela uisk fil prodotti ta kmuh, kamh-ir-rum, ross u barley, u il Haddiem tar-raba ta din l'art barra daun jiccultiva ucoll is sigiar taz-zebbuġ, il bittieh, il larinġ u l'eghneb, li dan fl'Andalusia jahdmuh xorb, dac li nghidulu *Sherry-wine*, u l'imsemmi eghneb jibghatuh ucoll lejn il Portugall biex isir *Oporto* (Port-wine). Hemm il gabillotti ta ma gemb ix-xmajjar Guadalquivir, Ebro, Duru u Guadiana, jafu jipprofittau ruiehhom uisk mill ilma ta daun ix-xmajjar jaghmlu canali, jitfghuhom ghal gior-raba taghhom u b'dit-tiskija jehdu uciuh isbah, itnen, bicrin. X'imhatra li chiecu chelna dac il gid collu ta ilma ahna il Maltin conna ucoll nokoghdu berdin, ingibu xi scuza u nghidu: "L'ilma tax-xita ahjar, ghax dac iuaddbu Alla!" bhalma forsi naghmlu fil biccia gid tan-Nitrat u ma immorrux niġru ghalih, ghax nirragiunau li in-nannu id-demel tal bakra chien juza? — Ahna huti gabillotti maltin, ifhmuni. Li chiecu l'invenzioni tad-demel artificiali, cioè in-Nitrat, li Alla nebbah f'mohh il bniedem ghal gid tieghu ma chienx uisk ahjar mid-demel naturali (2), ghax nirragiunau li dan chienu jahdmuh in-nannu u il biznannu, chien imissna ucoll allura nirragiunau u narmu il lampa u flocha nixghelu il musbieh, nircbu fuk dahar ta hmar floc it-tram, inxidlu il milsa f'rasna floc cappell, u nitilku lejn l'America fuk li schejjen floc vapuri, ghax in-nannu u il biznannu li schejjen, il milsa; il hmar, u il musbieh chienu juzau! Ragiuni? — Izjed. Indauru uiċċna lejn Nofs in nhar u nakbzu ghal

ALGIER-TUNES—L'art ghal bdieua, seu Gharab u chemm Europej, ta daun il pajjisi ghammiela uisk f'cull tagham, kamh, xghir, dhura, fazola, ross, cafè, ciċri, cannamieli, koton ecc., u lein Biskra tamar-belah chem tara b'ghainejc, li ghalih keghdin idahhlu il belli flejjes fis-sena. Il bidui f'daun l'artijet imharreg mil Francizi, mixxi ġmielu f'senghet ir-raba u ma nehdubiex bi cbira x'hin nghidu li daun in-nies bhala f'art africana ghaddejjin il kuddiem izjed minna. Il Gvern francis xerred taghlim chemm felah, ghax bhala zeuġ colonji tieghu, u m'humiex miz-zghar, jaf li hua gid ghar-Republica.

Intant ahna daun il ftit pajjisi b'dakka t'ghajn semmejnihom ghal ezempiu, u min ked jakra nifhmu li fehem bizzejjed u biex ma ntaulux, issa b'uiehed iehor biss naktghu fil kasir, avvolja ta min isemmi izjed, ghall inkas dauc li (ma daun li già semmejna) fihom conna ahna stess u rajna u messe na b'idejna. Intant nergighu indauru uiċċna lejn il Lvant u ntiru titjira ohra ghal fuk l'Egittu fejn fih domna xi 9 snin.

L'EGITTU—l'art tal Masrin ta dari ghal Bidui hia art ghammelija u ta gid specialment fid-Delta. jigifieri mill Cajr lejn Lixandra. Il bidui hemm jehu izjed minn zeuġ t'uciuh fis-sena. U tafu l'ghala? Ghaliex l'Egittu hua art tal ilma u ix-xemx, appuntu chif iridu is-sigiar, il prodotti, u cull nebbjet l'art. Infatti hemm belt jisimha *Heliopolis* li bil Griech *helio* tfisser *xemx* u *polis* tfisser *belt* (Belt-ix-xemx). Ilma hemm izjed milli il Bidui irid, u dan permezz tax xmara Nil li gejja sa minn hdejn l ghadira Victoria Nyanza: eluf ta mjel tul.

Mil bidu semmejna Gvernijet.— Nistaksu. Hua il Gvernijet ta Barra jimpurtahom mill Bidui, mill Agricultura? — Ajma j'ommi jecc jimpurtahomx! Narau. Zmien ilu, il biccia il cbira tal ilma tan-Nil jinhela ghal giol bahar Mediterran. Lord Kitchner uara li bl'armi chien ha is Sudan ghal taht idejn l'Inghilterra, chien imur hu stess kalb il Gharab *biduini, besberi* u *fellahin* (bdieua) u b'daun chien izieghel, jincoraggixxi personalment lilhom billi imur tajjeb maghhom, u sahansitra jecol maghhom. U la uasalna sa haun natu il prova billi nghidu dakxejn ta storia fuku (x'ghandha x'taksam? — Ghanha! ghax biha narau l'imgieba tal Gvernijet!). Darba chien mistieden minnhom ghal ichel, u tistghu

tahsbu x'ichel! Intant, hu mar, u bit-tarbux f'rasu ghax hecc chien juza hemm fl'Egittu, u intasab ghal ichel. Huma, billi fethulhom ghajnejhom x'juzau l Europej, gebulu is-sicchina, il furchetta, l'imgharfa u is servetta. Izda tajjar collox minn kuddiemu, kaghad cocca bhalhom fuk hasira b'riġlejh imsalbin u beda jleuuet u jghaffeg b'idejh u jibla bhalhom! X'chien il hsieb ta din l'imgiba fost dauc il Gharab? Chien li l'Inghilterra illum timporta (iddahhal) quantità cbira ta koton liema bhalu, tahdmu pezez u tisportah (tohorgiu)b'mitklu fidda. Kitchner (u anchi kablu Lord Kromer) beda jintriga biex ir-raba' moghxa ta ma ḟuar ix-xmara jinkasam bein il Bdieua, ghal euuel b'xejn, imbghan bil ftehim, ta' l'ircaptu ghal canali (irrigations) u minn din ix-xmara Nil issa kieghed jituaddab xmara gid ghal halk il bniedem, jituaddab ilma ghal gior-raba' tal Bidui ḟaks chemm icun hemm bzonn, u b'hecc l'Egittu hua l'art tal gid: l'art mixtieka min-Nazionijet! Jafu jaghmluhom l'affarijet il Gvernijet. Barra?

Il Bidui tal Egittu, barra il koton jiżra ucoll cull xorta ta tagham, l'iżjed dhura u cannamieli ghaz-zoccor, fejn sa ma ḟomt hemm jen chien hemm fabbrica taz-zoccor *bil chif.*

Issa, mill banda l ohra, il bdieua, avvolja Gharab tad-dezert, chienu jisimghu nisk it-tuissijet ta dauc li iridhulhom il gid fil biedja taghhom. Xejn ma chienu jaghmlu bhalna il maltin!—U x'naghmlu ahna 'l Maltin? jakau ma nisimghux?– Ahma j'ommi! Mela halli nghidu din u biss.

Ftit żmien ilu, f Imnarja fost Imnarijet, ma tnejn hbiebi mort il Buschett biex nara u nisma' il cliem ta taghlim u tuissija minn dauc is-sinjuri li fil Uiria tal prodotti jitilghu fil gholi u ichellmu lil Bdieua. Kaghadt nifli tajjeb dac li chienu keghdin ighidu l'oraturi, u fli stess hin inhares u nosserva lill dauc il Bdieua biex nara jeu nistudia il mossi, l'impressioni, u l'espressionijet taghhom. Isimghu il dan id-dialogu nofsu mutu:

— L'ahna huti (*ji-chellem, iuissi u jit-hambak dac l'oratur f dic l'Imnarja*), biex issalvau ahjar il cabocci u 'l pastard mill farfett,, itfgnu fuk ix-xitla niscata cubrit bin-nicotina, jeu cubrit bil cupru, tafux!....

— Mel'ahna (*nisma' kabda bdieua jit-chellmu ghalihom, uehedhom, imdaurin caghca*) Mel'ahna sen nokoghdu ninhleu u nilghabeu mahhem! Xejn m'ghanna x'naghmlu! U dan il cubrit ta Nicolina minn fejn sem morru 'nsibeuh!...

U il patata, l'ahua bdieua (*jissocta l'oratur*) bixxula bil mistura tal cupru bil gir. U intom tafu li meta tmurilcom il bahar, dac ghax ma tcunux ghamiltu chif uissejniecom hemneuuel, is-sena l'ohra, u ma tcunux iccultivajtuha....

— Meleee....ahna iccultivanieha....Xejn ma nakkaxnieha! Ghandec tghid li il *Bambin irid hecc, ghax f'idejh chillex....* Missieri giè li ghamlitlu cull patota daks ros ta hmor (3) u katt m'ghamlila xej....

— U biex fuk it-tahsir ta din il patata tcunu b'rascom mistrieha, bixxula bil cupru *kabel* ma tidher il marda, ghax....

— U daun fejn jifhmu?! katt ma messeu mghazka b'idejhom! Daun il patota jecluha bess jofu! Chellhom bżonn ikunu mill Paternostor u jigiu maghna gior-raha' ghas-sirde! Hemm, fuk il post, icunu jofu xi trid il patota, u m'hux mill belt!....

Keghdin takrau xi cliem jebes hua dan, o huti Maltin?! Cliem li jecc tisimghu ghandu mnejn igiaghlec titlak collox u tuża il frasi ta uiehed gharef talian li kal ghal li Skallin: "u erhilhom jinkleu b'zejthom!"

Oh! imma chif nakbad infhemhom il daun il flien. it-talin? Nipprova.

Jen cont fid-deżert f'hemm minn Sidi-Biar, l'Egittu, u minn hemm cont nara ghaddejjin il Fellahin bl'iġmla isiefru fuk ir-ramel minn naha ghal naha f'dauc il cbar deżerti. Daun chienu jekfu jistriehu biex jeclu, u jen cont immur nokghod inhares lejhom. Cont narahom jaghmlu il hobz (al minuto!) huma stess, billi jaghġnu tkiek, ghandu icun mhallat la naf bil kamhirrum u l'ankas jecc bin-nuhhala b'collox. ifattruh bejn idejhom bhal ftira u jitfghuh fuk in-nar bejr zeuġ gholjet żghar: nar tal gholliek niexef, ecc.

Issa daun bajd u zoccor (ghal kahua) icollhom, u fl'ahhar mill ahhar huma

bnedmin bhalna. Mela x'inhu li f'senghet il hobs, l'akua hagia tal hajja, sa hemm biss uaslu? Tghid li chiecu chienu jafu dac il hobs jaghmluh bhal Europei, jeu pane-di-Spanja, m'hux actar jlefilfuh u jibilghuh bil kalb ?! Imma l'imsiechen ma jafux hlief ifattru!

Hecc u xejn anhas: *irridu* inhallu id-dinja chif sibnieha bhalhom, u ma infittxux l'incunu nafu izjed milli nafu: nifhmu fil biedja tal lum u m'hux ta dari! Budda lill Indiani kallhom chelmtejn sbieh l'ighoddu ghalina, u li ahna keghdin fihom. Kallhom: "Ja Bnedmin, collox kieghed maghcom! intom li ma tafux tarauh; inthom li ma tafux issibuh!"

Però lilna ma jistax ighidilna hecc. ghaliex ahna chiecu sibnieh: sibnieh f'daun l'iridu jghalmuhulna *gratis ed amore*, u forsi ahna ma natux cont bizzejjed biex f'rasna il dan it-taghlim indahhlu.

U bizzejjed, ghax indejjakcom u nitilfu collox!

JUANN MAMO

Marsa-Hamrun, l'20 ta Mejju, 1926.

---

(1) Nifumuha ucoll *f'Farmer*

(2) Meta icun naturali!!!

(3) Darba fill!.... u f'dac iz-zmien, meta l'arja chienet ghada m'hix imniggsa bhal tal-lum!

J. M.

---


# Exportation - Importation

REVUE MONDIALE

CUMMERC
INDUSTRIA
AGRICULTURA

10 rue Saint-Roch, 10
PARIS (1er)

Domandi min ghand neguzianti ippublicanti f'dan il giurnal b'xejn. Informazionijet jigiu moghtija ta Fattorj Francisi

L'officciu u in-nies taghna jigiu imkgheda ghad-disposizioni ta dauc in-negozianti li izuru Franza, u natu cull assistenza mehtiega.

Cull hargia tal giurnal "Exportation-Importation" figha informazionijet importanti fuk huejjeg li jintghamlu fi Franza.

Sottoscrizioni ghal sena (12 in-numru 60 franc.)

Copia bhala campiun tintbghat lilec b'xejn.

Semmi IL BIDUI meta tictbilna.

# MUTESCO

MGHAMUL MINN

Patri Missiunarju fl'Ingriterra

**MUTESCO** hua cura speciali ghal minn keghda tghakalu xuxtu. Inehhi il brija malajr; jehilsec mill *Hacc* tar-ras, u jarga jati 'l hajja u 'l CULUR NATURALI lix-xuxa.

Malli tuzah jinzel malajr fil kurrigha, izomm l'gheruk tax-xuxa f'sahhithom u kawwija, u f'kasir zmien isahhahlec u jiffullalec xuxtec.

Jinbieh **ZEUG XELINI** 'l flixcun.

**Il Belt:**—Fli Spizerija ta **Dr. Fabriz Borg**, 267, Sda. Reale.

**Bormla:**-Fid-**The Victoria Pharmacy**, 22, Sda. San Giorgio.

Ghal xi informazzioni ohra jew ordni tista tirricorri jeu ticteb lill unicu Agent f'Malta:—

**L. C. BONNICI**

15, SDA. BARONE, ZABBAR- MALTA

## Il Fakkieħ u il Bidia.

Mictub min Dr. P. P. Agius, M.D.,

Aħna għedna il fuk izied fuk id-dud u il ħsara li jgħamel fil gionna u fl'għalieki fir-ragħba u fuk l'għasafar li jekerduħ u li huma ħbieb tal bidia li ma għandhomx jinkerdu, issa ngħaidu fuk mard iħor tal ħaxix u tas-sigiar u tħassir iħor li jitħol mhux izied mat-taksima tad-dud, imma mat-taksima u dana hua il Fakkieħ li igib mard fil bniedem, fil bejjem, u fil ħaxix, u xi drabi jgħamel ħsara li tuaħħax u tfakkar artijet cbar u li fi zmienijei ingħoddija ħallit xi drabi uraja mard u ħsara li uaħxet id-dinja; bħal ma uaħxu artijet il ħsarat li għamlu il giurati li bakgħou ucoll jissemmeu Malta u għadom isiru prucissionijet li ifaccru mil ħelsa taħħom. Il Fakkieħ fi ctieb li aħna kgħedin nichtbu u li nittamau li f'kasir zmien nistampau u fuk l'Igiene aħna għicna fittul ucoll fuk il Fakkieħ li jgħamel ħsara ucoll lill bniedem bil mard li inissel ucoll mhux biss fil bidia (u jizra nichet, fakar, u tħassir li uaħħax) imma inarrad ucoll biccia minnu il bniedem, u il bejjem ma duaru (*annimali domestici*) u iħassar ħafna ħuejjeġ li il bniedem fil ħajja tigħou jinkeda biħom fil bzonnijet tigħou ecc. id-diar u l'għorof u l'għeruxel fein jammar, il ħuejjeġ ta ichel (foods) li jilbes, l'injam li jisuielu għal ħafna kadi, l'għamara li biha izejjen daru u id-dueira tigħou, irrocna fein jaħzen it-tgħam u il gid tigħou, l'għodda li jinkeda biħom ucoll, biex biħom jitma it-trabi tigħou bħal flixchen tat-trabi u san-nieka li meta jittuielet ibennec fiha! li dana nuruħ fil ctieb li kegħdin biex nistampau, haun ngħidu fuk il Fakkieħ bħal nisel ta mard u ta ħsara fil bidia, aħna haun irridu ngħaidu xi ħagia lilbdieua fuk il-lime —blue stone Miniature *Bordeaux Mixture* li Millardet chien tair-ricetta taħha fl'1885 (Water (Ilma) 130 litres, Blue Stone (cûpru) 8 kilos. Lime (Gir) 15 kilos.

Il ħabib tagħna is-sur John Briffa għamel uisk mal Chilean Nitrate Co. biex idaħħal u imexxi u ikassam dina il Bordeaux Mistura f'Malta li hia tisua uisk biex hia tekred it-tħassir mil Fakkieħ min fuk il uerak u il ħaxix. Imma ħafna mil bdieua huma *conservativi* uisk f'Malta u f'Għaudex igifieri iridu jgħamlu daca li chien isir fi zmien Zemzem, u iroxxu bit-tabacc li hua ħazin għal bniedem u toscu għax fieħ in-Nicotina. Aħna chtibna uisk fuk it-tabacc u fil ctieb lî semmeina li seirin inkassmu ecc. bil għainuna t'Alla ma ifixkluniex, aħna feħsibna nuru chemm hua toscu u velenu kauui it-tabacc għax il-lum id-draua tat-tipiep daħlet uisk u ucoll nisa, bdeu ipeipu nisa mizzeugia, nisa tkal u u nisa li ireddgħou. Għad li dana jigri bein nisa ta barra, in-nisa tagħna jistgħou ipacchru bħal ma idacchru mil mgħoda ta ilbies ħafi, u għeri. It-tabacc jintusa ucoll barra min Malta min xi nies conservativi biex bieħ iccurau il mard mil fakkieħ u iroxxiu bieħ, u mhux bizzejjed imma ucoll il mard tal gild tan-nies li jigi mil kziez li hua fakkiħ Il bdieua biccia bil bcejec tas-sigarri miġbura, bil werak tat-tabacc u bil ħasil tal pipa imħallat ma l'ilma iroxxil werak, bħal xi nies lura jidilku il kziez (Tineae) bil akar grass tal pipa, uakt li il medicina għanda ħafna dua bħal ma il bidia għanda il Bordeaux Mistura għall ħxejjex, u għad li taparsi il bdieua isakku l'għeruk tas-sigiar bittabacc issib min għadu iroxx il berak ucoll. It-tabacc bħala dua għal mard mill Fakkieħ fil gilda u gisem tan-nies u fil ħxejjex ilu imsemmi uisk u la taħsbu li Malta biss imma ucoll barra. Uaħda omm f'N Wales li chella it-tarbija marida bi ħzieza (*T. Circinnata*) ħasbet li seira tfeijaka malajr bit-tabacc u ħadet il akar tal pipa tar-ragel taħba u bdiet tidilchila addocc bieħ il gilda biex tekred il ħzieza. Imma x'giara it-tifla bdiet titkalla, intilfet u inxeħtet għall meita u sfaret. Seiħet maiajr it-tobba u marru D. Morris u Jones u dauna uara ħafna taħbit inxexxilom u uara ħafna sapnar u ħasil tal gilda b'alkalini, irxiuxtauua. Dana jinsab fil British Medical Journal ta l'24 ta April li għadda. U fuk dana għedua fit-

tal fil ctieb fuk il mard u Igiene Infantile u fuk avvelenamenti ohra bit-tabacc u b'duijet ohra. Haun Malta ucoll nies fir-rhula ifitciu ideuu il ħziez bit-tabacc ghedna bizzejjed haun biex inuissu u issa incomplu fuk il Fakkieħ. La taħsbux li it-tħassir mil Fakkieħ ma jistax jgħamel ħsara fin-nies. Fl'Irlanda fl'1846 il uicc tal patata richeb imxija li jgħaidula Blight-Downy Mildew mil Phytophtora Infestans. Uaraja gie giuh u fakar cbir fl'Irlanda. L'Ergotismu chienet marda li jircbu in-nies min tħassir fit-toscu min fakkieħ li insejħulu Clavicefis purpurea. Dina il mard illum sabula tarfa u l'imxijet coroh li snin ilu chienu jidru taħħa bi ħsarat cbar ma carestija, għacs, miselia u fakar li iuaħħax spicciau għax l'Igiene sabet tarf kixfet dina il ħtia u dana it-tħassir u l'Agricoltura ħabiba ħafna ta l'Igiene u li jgħainuna il xiulxin bħal aħua u ma jaddux seuua mingħair f'ħafna kadiet ma issieħba mill Igiene u mit-tagħlim taħħa inkdiet ucoll biex teħles minn dana il fakkieħ u tħassir tigħou li ibezza u iuaħħax.

U chif sabet tarf ta dana issib tarf ta ħafna tħassir iħor, imma il bdieua għandom jikodu għall min irid jgħallimhom, ma jaħsbux li in-nies imdaula u li jistudiau jitchellmu għalxein, ma jgħamlux bħal dauc in-nisa boloħ u nieksa mil melħ li meta it-tabib jurihom x'inhia il causa u il ħtia ta xi mard, jaħsbu li it-tabib fonkla u ma jifimx bizzejjed bħal meta it-tabib jgħaidilna biex ma iħallux ktates (li jakbdu il grieden, annimal mokziez li jaddi mil canali tal ħmieġ) jorkddu finnieka tat-trabi, jeu cannestru tal ħuejjeġ indaf u clieb għax jista il kattus inigges uisk b'mard u jista ucoll igib il fatra (Tinea favosa) min fakkieħ Tricophyton F. ibkgħou jgħaidu in-nisa lura li dina il marda gejja mis-snien u iħalluħa ma ifeikuhiex għax hecc ifeikuħa tinfex geuua! jeu bħal dauc in-nisa bla rar li ma inadfux tajjeb (bir-ramel u bill Condy's Fl·) il fliexchen u il-lastcu u iħallu jitrabba fakkieħ *oidium albicans* li igib il batra u l'afte u li fl'aħħar jasal fl'imsaren u ixeħelolulom għax in-nisa bilchem jgħaidulec u dina mi ħagia ta xejn u xejn ma jiftacru fil meut u fil mortalità tat-trabi li f'Malta hia ta għadd cbir uisk Hecc ucoll il bdieua għandom jisimgħom mis-sur Briffa, mis-sur Marmarà u minn oħrain li jalmuħom chif jebilsu mil Fakkieħ u min mard u ħsara ta sigiar u ta uciuħ tar-raba, Fakkieħ uieħed biss ta l'injam għarrak darba issakaf sabieħ tas-sala ta Luigi XVI ta Versailles.

Il għass, il ħmieġ il giuieferia zejda igib it-tauuir, il mofof u il Fakkieħ. ngħaidu haun dac li ctibna fil ctieb tagħna fl'Igiene li feħsibna inxerrdu għattgħalim tal poplu li il bzulija u il ħeggia u il ħila ta cont u tar-ruħ katt ma hi zejda u mhux zmien mitluf u min jakdi dmiru tajjeb uara jitħenna u ma jindunax bix-xgħol u ma jgħaix u isib li isarraf u jisua ħafna u jeħelsu min ħafna ħsara, mard, uieħed u duejjak għax il mard tas-sigiar u tal ħxejjex bħal mard tal bhjjem u tal bniedem li meta tilkatu min chmieni tiffranca ħafna flus u xgħol u il bdieua haun għandom jiftacru fil kaul inglis li jgħaid "*Prevention is better than cure*" li tilka il mard hua aħiar milli tfejku u "*a stich in time saves nine*" u ħiata mill euuel għall ticrita teħelsech min dauc il ħiatat meta ticcrita ticber. Għanna niftacru bliema ħruxija u ħeffa rapidità jicber il fakkieħ u bliema ħeffa ta għageb jitnissel meta tħallic li fi tliet tijem u inkass jekred uicc sħieħ ta raba cbir bħal P. Infestans. Ilkou mill euuel il marda u il ħsara.

## Il Hrit, id-Demel u il-Hazna tal ilma fir-raba

Kabel ma uieħed igħid chif taħzen l'ilma fir-raba, tajjeb li ngibu kuddiem il għajnejn tal bdieua u nfaccru f'dac ix-xogħol li dari chien isir min-nies ta kbilna xogħol li siua u li illum jinsab minsi għal collox. Xejn ma irridu nsemmu minn dauc il ħafna għodod giodda illi is-sengħa tal-lum giebet il kuddiem sabiex tħaffef u izziegħed il għana tar-raba

Insemmu biss, fost daun il moħriet tal *uidna* li xi uħud bdeu jidrau u il moħriet l'ieħor (*), nghidulu tat-*Talja*, li ghadu ma daħalx, ghax ma gitniex ix-xokka f'moxtha.

Nitchellmu, mbaghad, fuk ix-xoghlijet li keghdin isiru minn dauc, li ghalchemm jissejħu bdieua,huma nieksin minn dic is-sengħa li titnissel fid-dem. Daun l'uħud jixxaħħu sachem jaħartu l'art chif imiss, incheлla ma jaħartuhiex fil uakt, ghaliex icunu iridu jissellfu il bakra ta ħaddieħor.

Il bakra taghna (li minghaira ma jistghux isiru xoghlijet seuua tar-raba,) ma tonkos minn xejn. Imgissma u kieghda fid-daks tagħħa, fuk ruħħa u ghaklija. Biss, hu meħtieġ illi kabel ir-ragel (il ghendus) jintghazel aħjar, biex in-nisel jibka' sabiħ.

Il ghamla tal bakra taghna tixbaħ lil dic ta Skallija. Il-leun hu uieħed, aħmar jati fi'isued, mindakkiet micsur l'ħamm u l'hinn bl'abjad u mindakkiet xejn. Gholja u tax-xoghol. Biss ma takbiix ma dic ta Skallija ghal kosor ta krunha. Minnhom, il ħarrat Skalli imexxi il bhima b'ħabel, ghalchemm il kauua il cbira tal bakra kieghda fir-ras u fil għonk fejn jidħol il madmad. Il bakra li tixtarr ħafna u ħafna ichel, uara li tcun ħadet chemm jinħtieġ għal cull-ma battlet minn ġo fiha u zammet ghas-simna u ghat-trobbija ta gisimha tati mux ftit min dac li jibka u li hu bizzejjed biex isemmen id-demel u jicsiħ.

Ir-rauta tal bakra hi micsija bi zlieġa li izommha sħiħa ghal zmien tuil, ictar minn dic taz-ziemel, u ghallhecc il bidui taghna jaghzel actarx id-demel tagħħa minn dac taz-ziemel, li, ghalchemm itieb, jinħela malajr. Il bakra, chif jistkarr il Professur Molinatti tati mas-sena ghoxrin darba demel daks chem tizen hi. Il bakra Skallija iggib mal ħames knatar u b'dan l'uzin ghandna tokol ta btir li uieħed ghandu jistagħgeb. Oghdd mieghu il mifrex. Il mifrex tal bhejjem taghna issibu biss ħafif u niekes ġeuua li rziezet li huma il boghod mix-xtut tal baħar.

Il bdieua tan-naħħiet tax-xtut ħaduha bi drauua li jiġbru il ħaxixa tal baħar (l'*alca*) iferrxuha fuk il kiegħa u iħalluha tinħasel bl'ilma tax-xita u titnaddaf mil melħ, kabel ma ikieghduha taħt il bhima.

Il makiel, mita hu niekes mil mifrex tajjeb, ma jistax jati lill bidui dic id-demmiela li icun fiha btir kauui Fostna, katt ma jista icun li tara taħt il bhima mifrex bizzejjed kabel ma ir-raghaj jidra jiġbor l'alca. Il mifrex hu meħtieġ mux biss ghall gid tar-raba, imma ucoll ghas-saħħa tal bhima.

Ix-xoghol tar-raba taghna ħa l'euuel dakka ta ħarta mit-takbida tal 1861, li saret ghal firda tal Amerchi, iz-zmien illi il koton chien iħalli uisk klieħ u il maħlug bida tiela ġmielu, li ħafna mil bdieua li m'humiex tas-sengha tħajjru fis ikabblu l'art u igħollu fuk ħaddieħor. Is sieda, minghajr ma kaghdu ikisu il ħsara li din ir-reghba tagħħom tista iggib il kuddiem, tau l'art. Xejn ma giebu kuddiem ghainejhom li dina billi mahduma ħazin, tnakkas fil ghalel u hecc maz-zmien ma iggibx fis-siui bhal kabel.

Illum ma tarax izjed min jaħrat biz-zeuġ. Cullħadd bil ħmar jobrox l'art b'sicca zghira kisha musmar. Il brix katt ma jista igigħal l'eghruk jiehdu minn l'art dac it btir meħtieġ ghalihom sabiex jitrabbeu seuua, ma icattar fihom il ħeġġa tad-*dud l'art* illi iridu art niedja sabiex jaghmlu ix-xoghol taħħom. U il ħrit tal ħmar katt ma jista izomm l'art niedja.

Barra minn dan, dic id-deuuedija ta *ħlejjak ċchejcna* li tinsab fit-trab (*dud* li ma jidhirx bil ghajn), tbati sachemm taghżel dauc il ħuejjeġ ta ħtieġa, li minnhom l'eghruk tas-siġra tista issib l'ichel tagħħa u tixorbu. Il brix ftit u ftit uisk iħalli lis-siġra tieħu mill'ajru minn dac il gas li il ghorref sejħu *Azotu* ma jaklax mil kiegħ u l'ankas igib f'uiċċ l'art iz-zrieragħ ghalliela, ma issemmedx, u b'hecc l'art tibka jebsa bla ma titreuuaħ u tisħon scond li stagiun, ma tfarracx il ħamrija u ma tħallix li it-traba it-tajba teħel mas-siġra u tieħu minnha. Daun huma il ħsarat li igib il ħrit tal ħmar f'loc il gid li il bidui jista jeħu mil ħrit tal bakra.

It-taksim tar-raba fi ħbula zghar, gieb uisk deni fil gzira. Haunecc ġara li il ghalieki, uara li nkasmu, ma setghu jiġu katt

---

(*) (*Il Ripuntatore*) Moħriet imfassal mil mejjet Sur Uistin Randun fuk ta barra biex jofrok ittalja. Ghandu is-sicca tieghu gejja ċatta. Jaksam l'art minn taħt-il-taħt, (u ghalhecc uieħed jista isejjaħlu ucoll «Il moħriet ta taħt l'art») ifarrac il ħamrija, minghajr ma iferrixxha fil uiċċ

maħdu-na fil uakt tagħħom. Il ksim tal art nissel drauua ħazina: il ħrit bil ħmir. U dan, għaliex il bidui li ried jicri il bhima ma kabillux irabbi il bakra, li trid mux ftit biex tifdi u izzommha fuk art ta erbgħa jeu tmien tomriet raba.

Chemm uieħed jaħtieġ jaħdem l'art mil kiegħ sabiex izommha imxarrba, u b'hecc ighajjex iz zargha, hi ħaġa minn aul id dinja: imma ictar u ictar taħbat f'ras il bidui, mita igib kudd em ghajnejħ illi iz-zrigh, biex jiġġelben u ikabbes in-nebbieta jeħtieġlu ilma daks chem jizen hu; mita uieħed jaħseb illi il ħaxixa, tieħu mal ħmistax l'ukija ilma, scond il cobor tal uerak tagħħa! mita uieħed jaħseb illi tomna raba mizrugha, patata, icun hemm meħtieġ mal ħmistax l'ukija ilma cull uaħda. U dana jista jizdied u jonkos, scond chemm l'art icun fiha demel il għaliex id-demel, chif cullħadd jaf, izomm ir-raba niedi. (Tomna raba gie li tcun mizrugha patata izjed milli ghidna: imma li sfika, barra milli tħassar il għalel, għannukkas ta art meħtieġa, iġġagħal lis-siġra timtess bil me l. Billi din tibka dghajjfa, bla ma tista titreuuaħ u tissaffa mil ktar tan-nida sachemm jishon l'arja, iz-zerriegha tal marda, malli issib ruħħa mill'indeuua ghas-sħana, f'dakka uaħda, timriħ fiha u tagħmel taħħa).

L'art, li għandha ftit tal ħamrija, dejjem tati, seuua għaliex icun fiha il ħamrija, seuua għaliex tcun imdemmla u seuua ucol għax tcun maħruta tajjeb. Il klib tar-raba għandu isir fis-sajf, billi f'li staġun tas-sħana taħt xemx tiċai, il ħamrija tista tissemmed izjed u iżjed.

It-tismid tal art fuk l'uċuħ taħħa, izomm it-tira u irattab il ħamrija jebsa li minnha jieclu l'eghruk. It-tismid ta l'art jagħlak it-tokob li minnhom l'ilma itir sħaba mal ajru. Mita it-traba tal ħamrija issib ruħħa magħluka, tiġbed it-tira minn għand oħra u hecc minn uaħda għal oħra sa chemm l'art colħa tixxarrab.

Fejn jonkos l'ilma tonkos il ħajja tas-siġra: ibda biex din tmut minn kabel l'art titlef li ndeuua għal collox: għaliex mita l'art tinxef minn geuua, tibda tarda mill'eghruk u tmeuuithom. Dan jiġri minn kabel l'art tibda tiġbed l'ilma mill'ajru.

Bdejna nidħaddtu fuk il ħrit u mingħajr ma ridna ukajna f'ħaġ'oħra. Semmejna ucoll fuk chif għandec taħzen aħjar u izzid l'ilma ġor-raba; u għidnieħ għaliex ix-xogħol tar-raba hu magħmul l'ictar: l'euuel, sabiex ma tħallix l'ilma maħzun jinħela u itir mal ajru; it-tieni, biex ix-xita ma ssibx xchiel u tibka niezla sa kiegħ ir-raba.

Ħrit minn ieħor igħallem. Is sena li għaddiet inħadmet art ta erba tomniet bil moħriet il ġdid tat-*Talja* u is-sibt tat-22 taċ-Cimber, fil uakt li sħaba ta xita kauuija għaddiet u xerrdet l'ilma tagħħa, ir-raba ta li nħaui li geu maħduma bil moħriet il kadim, zammeu l'ilma fil uiċċ u dic il biċċa art li giet maħduma bil moħriet il ġdid xorbot l'ilma collu ġo fiha. Issa għandna nifhmu tajjeb, li l'art li tixrob ma tħalli katt l'ilma jittajjar u li mita ma tixrobx ictar ma l'art tcun mifruxa fil cobor ictar l'ilma itir minnha. Jiġri bħal mita nghaddsu lizar ġo maħsel. Il lizar jixrob nofs l'ilma u dan malli tonxru jinxef malajr. In-nofs l'ieħor li jibka fil lenbija irid il ġranet sachemm naraħ mar għal collox. Għalhecc, f'art xagħrija li tcun jebsa, mingħajr m'hi maħruta tajjeb, il ħxejjex ma jiġu katt f'uakthom. Art bħal din u la titreuuaħ u l'ankas ma tarda ilma.

Uara li il bidui jakleb l'art jecc tcun għaz-zrigħ tas-sajf, jaħtieġ titghadda bix-xatba sabiex l'ilma ta ġo fiha jibka u is-siġra tixrob minnha. Il klib għandu isir dejjem sal kiegħ, biex l'art tissemmed u tieħu ġo fiha l'ilma collu tax-xita biex tix-xemmex, tishon u titreuuaħ u b'hecc tiġbor il btir tal *ossigenu* mill'ajru ill hu meħtieġ biex id-demel jintoghzel u jitieb.

Bosta mil bdieua ma idarrbux it-talja bil moħriet, uara li icunu għaddeu biz-zappun. Il ħrit hu uisk meħtieġ biex jakla' iz-zrar fil uiċċ u ifarrac il ħamrija. Daun il bdieua li iħallu it-talja jebsa jixbħu lil dauc ta Skallija li tismagħħom dlonc ighidu: Itfa id-demel u la titlobx il kaddisin. Dan il għass nghoġob lil ħafna u s'issa għoddu rabba il-borkom. Hadd ma ħaseb li fin-nixta il ħxejjex itaulu l'eghruk tagħħom biex ifittxu it-tira u jistgħu b'izjed ħeffa jagħzlu l'ichel li icun jisua għat-trobbija tagħħom.

Min ma darrabx hu bidui tal isem u katt ma icollu l'art ta taħt imxarrba.

Uisk ta min igib kuddiem ghajnejħ li il bdieua ta kabel, fil klib tal art, chienu jaghmlu il banec gholjin ħafna u b'hecc irizzlu it-talja fil kiegħ. Uara, mbaghad, chienu jaħartuha.

Din id-drauua ta ħazna ghall ilma tbiddlet u illum narau illi il banec huma kosra kishom gastellijet tal leuz. Imbaghd clonc tisma min ikaki u ighid: *L'art ma ghadiex tati bħal dari.* L'art m'hix kalba ħazina ghal min jaħdimha seuua.

Din il ghada ta xoghol fuk-fuk, inodiet mindu daħal iz-zriegħ tal patata, illi ta-bilħakk ma tieħtieġx art mghobbija bit-trab, imma iva id-demel tagħħa. Nghidu biss ictar mad-demel tagħħa icun fil uicċ, hu aħjar, il ghaliex fis-sajf id-demel fil uicċ, bl'arja, izjed u izjed isir u jirħi u jirħi u dan lissigra jisfa gid.

Jista il bidui ighatti il ħsara u jaħrat ittalja bil moħriet tieghu il kadim; imbaghd fir-radda tal ħrit, ighaddi bil moħriet il ġdid li semmejna l'aħħar. Dan il moħriet il ġdid jinzel xi ħaġa izjed mil kadim. Fl'aħħar jati id-demel; mita ix-xoghol isir hecc, irraba jistaghna bl'ilma xi ftit. Imma dan ma hu katt bizzejjed. Il ghabra tal ħamrija ghalchemm imlaħalħa, tibka teħel uaħda mal oħra u jigi zmien li tghakad; u jecc imbaghad tibbies tfixchel lill eghruk biex daun ma jardghux minn taħt.

Il ghorrief tal Biedia dejjem uisseu ħrit tajjeb, seuua fejn taghmel xita ħafna u seu fejn taghmel ftit. Fejn taghmel bil uisk, biex l'art ma tistghadarx u il ħamrija ma tikrasx; fein taghmel ftit biex l'art icolla il ħazna tagħħa fin-nixfa.

Ghodod, biex izjed u izjed il bidui izomm l'art niedja, mux ta min isemmi. Jidhrilna li b'li mħaret ġodda li ghandna illum, il bidui taghna ghandu jasal.

Biex icattar u isaħħaħ il prodott tal patata, il bidui ghandu juza ucoll in-Nitrat tas-Soda, li illum hu imfittex u uzat mad-dinja chif iddur.

## X'gid cbir jghamlu il Frott u il ħxejjex ghas-saħħa tal Bniedem.

—

*Tuffieħa cull jum izzomm it-tabib boghod min darec.*

L'ichel tal frott u ħxejjex jaghmel hecc gid fil gisem taghna li aħna ghandna naghmlu dac li nistghu, l'euuel biex intellghcu lill'uliedna bid-drauua li jeclu ħxejjex u u frott—m'hux ghagin, ħobs u laħam biss —u it-tieni li nifhmu aħna stess li il ħxejjex u'l frott hemm bzonn inziduhom cull jum ma l'ichel ghas-saħħa taghna!

Il-laring u il-lumi, barra milli huma giex frottiet sbieħ u tajba jaħdmu ħafna f'dac li imiss lill saħħitna. Minn daun iz-zeug frottiet, l'actar uaħda antica hia il laring u u jaħsbu li instabet l'euuel fic-Cina.

Il-lummija jgheidu li originat fil Persia. Hia ħagia curiusa li l'antichi chienu il biccia il cbira izommu lumija sħieħa fil but biex, chienu jghaidu, tiffrancalhom ħafna irieħ u mard.

Il lummija jgħamlu bosta affarijet minnha; u bħala ħagia li minnha isiru ħafna affaritat-tualetta biex inaddfu il gilda ecc., ma jghaddigha ebda ħagia oħra; ghara chemm hu tasseu hecc, li il biccia il cbira tal preparazionijet li isiru ghat-tualetta, huma l'ictar mgharufa ghall'effett tajjeb li jghamel issugu tal-lumi li fihom.

Hua ta interess ta cull familja li izzomm tajjeb f'rasha l'effett tajjeb li ghandu il frott fuk is-saħħa tal bniedem u li tara chif l'aħjar ghandhom jigiu uzati.

L'ichel collu li nieclu iħalli f'gisimna residu ta giex qualità, jeu biex niftehemu aħjar, il-laħam ħut u affarijet hecc, iħallu residu ta acidu, fil uakt li ir-residu li iħalli l'ichel tal ħxejjex u frott hua ta natura alkalini.

Ir-residu Alkalini tal ħxejjex u'l frott iservi biex ineħħi min gisimna ir-residu ta Acidu li iħalli il ħobs, l'ghagin, il-laħam ecc, li incunu chilna. Min dan narau li hemm ragiuni chimica il ghala ghandna nieclu il frott. Ir-residu "Alkalini" jillibera ir-residu ta l'Acidu u b'hecc jiffrancalna ħafna mard l'actarnett ir-Reumatismu.

Jecc nezaminau il biccia ftit actar bir-rekka, tabib jeu spiziar jista jgheidlec illi ir-residu Alkalini tal laring u'l-lumi hua magh-mul mil melħ tal Putassa, Gir, Magnesium, Hadid, Fosforus u Silica. Il coll flimchien jiffurmau medicina mill'aħjar. Id-dosi huma zghar ħafna, m'għaddniex xi nghaidu, imma jghamlu l'effett tajjeb taħħom ucoll.

Min dan narau i id-drauua li nuzau il-lumi mal ħut u mal laħam ghanda basi kauuija xientifica.

Min dan narau li, ucoll il bzonn cbir li hemm li it-tfal intuhom culljum uara l'ichel xi ftit sugu tal laring.

## Chem huma meħtiega il ħxejjex.

Hass u basal huma taiba uisk ghal ner-vituri debboli.

Pitravi jatu il ħadid lid-demm.

It-tuffieħ tadam jifforza il fuied.

Il Crafes taiba ghar-remattismu.

Il Caroti (jeu Zunnaria) inaddfu id-demm u jatu culur sabieħ il gilda.

Asparagi huma taiba uisk ghal clieui.

Cull qualità ta ħxejjex iservu biex inadfu id-demm u jirregulau seuua is-sistema tal bniedem.

---

## Chif u chemm tuza Nitrat tas-Soda

Imħabba in-nuqqas tas-sustanzi meħtiegia, bosta bdieua jeħdu prodott zgheir. Illum hia ħagia li jafa cullħatt li l'uzu tan-Nitrat tas-Soda hua meħtieġ u fli stess ħin ta klieħ il flus.

Chemm hu meħtieg in-Nitrat tas-Soda ghall'Agricoltura hia ħagia li chella studiu cbir mill'akua Specialisti tal'Agricoltura chif ucoll mill'akua xienzati tad-dinia bħal ma huma Lawes u Gilbert, Sir William Crooks, Dr. Dyer, Dr. Hall u Dr. Voelcker, (Inglisi), Il Professuri Grandeau, Cassarini, Migneaux u Cadoret, (Francisi); Il Professuri Bernardo u Alino, (Spanioli.); Dr. Wagner u'l Professur Maercker, (Germanisi.); u Dr. Voorhees, Dr J.G. Lipman, Dr. Brooks, Dr. Duggar, Dr. Ross, Dr. Patterson, Dr. Hilgard u Dr. Garcia, (Americani.)

PUBLIC LIB... MALTA

## Il Patata.

In-nitrat tas-soda għal prodott tal patata m'hux biss hu tajjeb izda MEĦTIEG, u ebda bidui li ma juzaħx ma jista jeħu prodott chif imiss.

Tliet tijem uara li tizra, xerred fil uicc 4 tartal u quart Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba ergia ghati 4 tartal u quart oħra malli timbet u jecc trid tista targia tati 4 tartal oħra xahar uara.

Dauc li jixtieku ituħ ma l'ilma, id-dosa hia nofs ukija f'cull gallun ilma. (Landa tal Pitroliu tesgha 4 galluni.)

Dauc li ituħ fil gionna jeu raba zgheir jistau jiccalculau nofs ukija cull jarda quad-dru, mghoti bħal m'hu imfisser haun fuk, jigifieri nofs ukija għal cull jarda quadru tliet tijem uara li tizra, li stess dosa malli titfaccia fil uicc, u jecc trid ghati li stess dosa xahar uara.

### Cabocci, Gidra, Pastard, Brussels-Sprouts, Basal.

Min sebgha sa tmien tartal Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba. malli jixxettel u jakbad. Li stess dosa xahar uara.

### Hass, Indivia, Spinaci.

Għal ħass ghati imxerred fil ŭiċċ nofs quart Nitrat fuk cull gherba jardi quadru. Li stess dosa tlieta jeu gherba gimghat uara.

### Pitravi.

Jumein uara li tizra xerred fil ŭiċċ min 7 sa 8 tartal Nitrat fuk cull sieħ raba. Ghati li stess dosa uara ftit li jimbet.

### Zunnaria jeu Caroti

4 tartal u quart Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba 20 giurnata uara li jimbet. Ghati li stess xahar uara.

KAKOCC.

Ukija cull jarda quadru meta icun zgheir. Ati li stess dosa malli jibda jifforma ir-rius.

IL CRAFES.

In-Nitrat tas Soda jati risultati uisk sbieħ fil coltivazioni tal ħxejjex collha, din hia ħagia li ftit huma il bdieua li ma jafux biha; ghal crafes, in-Nitrat hua famus ucoll. Kabel il crafes jigiu imburgiati biex jeħxienu u jibjadu hemm bzonn li tati ma dar cull xitla nofs ukija Nitrat tas-Soda, sakki uara li tati in-Nitrat u imbaghad imborgia ix-xitla. Dan ix-xoghol ghandu isir f'Settembru.

TUFFIEH TADAM.

2 imgharef f'cul landa tal pitroliu ma lilma, issakki bieħ meta tcun ix-xitla gholia 4 pulzieri mill'art. Ergia sakki bl'istess dosa gimgha uara. Dan ilaħħak ix-xitla bicri. Malli il pianta (jigifieri ix-xitla) tibda tgħakkad il frott ergia sakki b'li stess dosa, (giex imgharex f'cul landa tal pitroliu) darba cull tmien tijem ghal tliet gimghat jeu xahar.

KARA TUIL.

Nofs ukija Nitrat tas-Soda f'cull gallun ilma darba fil gimgha, malli jibda jifforma il kargha.

ID-DUIELI

Biex l'art issir ghammiela seuua jinħtiegila sustanza li tissejjaħ Nitrogenu, din is-sustanza tinghata lill'art bin-NITRAT TAS-SODA li hu l'akua demel azotat. In-Nitrat tas-Soda, barra milli hu sustanza kauuija malair jittieħed mis-sigra, itgha il kauua u jgheina biex ma timradx. Fi Frar ghati ma duar cull sigra, daks pied boghod miz-zocc, nofs in-nofs quart Nitrat tas-Soda, u ergia ghati li stess dosa ghal ħabta ta l'aħħar ta April, sakki cull darba uara in-Nitrat iech ma tghamilx xita, jeu jecc jidhirdlec li ma tghamilx xita izied.

*L'effett tad-demel artificiali.*

Id dilia tgheix b'saħħita, biss fi trab ghani u tajjeb li ma hux niekas mis sustanzi meħtiegia.

Culhatt jaf li biex uieħed jeħu min dilja ħafna gheneb u tajjeb, hemm bzonn li iddilja tcun giet il kuddiem chif imiss u jinħtieg ucoll li issib fit trab sustanzi bizzejjed li tcun tista teħodhom *fil uakt li tcun kgheda ticber.*

Dan collhu ma jistax isir jecc l'art ma tigix imdemmla seuua u chif imiss.

Saret prova fuk zeuġ duieli qualità "Riesling". Dauna geŭ imħaulin f'zeuġ ksari u geŭ imdemmlin seuua bid-demel artificiali "Superfosfat" u potassa". Barra min dan id-demel, uaħda mil ksari giet ucoll mgħotija 16 il gramma NITRAT TAS-SODA u l'oħra ma taugha Nitrat xejn, biex jarax seuua id differenza li jati in-Nitrat Ir-risultat chien dan:—

Il Pianta b'in Nitrat tas-Soda tat:—

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2,470 | grammi | *Gheneb* | |
| 381 | „ | *Hatab* | (niexef) |
| 283 | „ | *Uerak* | ( „ ) |

Il Pianta ta minghair Nitrat tas-Soda tat—

| | | | |
|---|---|---|---|
| 308 | grammi | *Gheneb* | |
| 310 | „ | *Hatab* | (niexef) |
| 130 | „ | *Uerak* | ( „ ) |

(800 gramma ighamlu Ratal Malti)

*Il Pianta li giet mghotija in-Nitat tas-Soda tat tmien durbiet il gheneb li tat l'oħra ta bla Nitrat!*

---

## TUIDDIBA

In-Nitrat tas-Soda katt ma ghandu jintuza fi quantità cbira f'darba. Ftacru li dan hua sustanza kauuija. Gib kuddiem ghajnejc li 64 ratal Nitrat tas-Soda fieħ Nitrogenu (l'actar sustanza meħtiegia ghal prodotti) daks chemm fieħ 1,124 ratal deme tajjeb tar-rziezet!

KATT LA TBEXXEX BIN-NITRAT FUK IL UERAK, L'ANKAS GHANDECH IXXERRED IN-NITRAT FUK IL UERAK META DAUN ICUNU IMXARBA.

Din il biccia li ma ixerridx fuk il uerak, hemm BZONN li uieħed jiftacara trjjeb ghax in-nitrat imxerred fuk il uerak meta daun icunu imxarba JAHRAKHOM, u il ħtija tcun tieghec u m'hux tan-Nitrat tas: Soda. Ix xitel collhu, sigiar ecc, ecc, jeħdu in-Nitrat mill'gheruk ma l'ilma u m'hux mil uerak,

KATT TGHAZAK IN-NITRAT TAS-SODA FILFOND. Ftacar li dan jinzel uaħdu fil ħamrija jeu trab jehor. In-Nitrat tas-Soda ghandu dejjem jixxerred fil uicc jeu jigi maħlul fl'ilma. In-Nitrat tas-Soda ghandu jintghata lil prodotti *fil uakt li icunn kghedin jicbrn* u mghandux jigi imħallat u mghazuk maddemel l'jehor.

---

# ÜBERSEE-POST

## UNIVERSAL ECONOMIC REVIEW
LEIPZIG, 10 SALOMONSTR. (GERMANY)

(**Giurnal Germanis tal Cummerč**)

**Il hsieb taghna** hua biex ingibu il kuddiem il Cummerc Internazionali u biex ingibu actar flimchien il fabbricanti u in-nigozianti taddinja collha. L'Articoli taghna m'ghandomx x'jaksmu mal pulitica u huma biss mictuba biex isaħħu il Cummerc.

**Fit-taksima Editoriali** aħna nidħadtu fuk il condizionijet economici u prospettivi ta cull Industria u'l Cummerc u Finanzi nirrapportau fuk il prezzijet u'l condizionijet tas-suiek tad-dinja u fuk il cambiu; u nippublicau l'aħħar tar-riffa tal Ferrovia u tal Posta, rati taxxi dazji ecc. ecc. il parti **Technica** fiha informazioni esperta fuk l'aħħar invenzionijet u izzomm lil karrejja taghna informati fil progress Technicu li isir. Lavvisi; fil giurnali isibu quantita cbira ra avvisi cull ħagia figha xi 3,000 avvis ta diar tal Cummerc li jistghau jesportau l'affarijet malair. Hua actar ta min jokghod fuku mid-direttorji li il biccia il cbira minnhom jippubblicau indirizzi ħziena jeu li ma jesistux izied.

**Export-Dienst.** "*Commercial Intelligence Service*" dan hua Service **b'xejn** ghal diar stranieri; hua jati ucoll pariri fuk affarijet Commerciali ta negozziu ma'l Germania. Aħna nassistu il clienti taghna f'cul ma nistghou—inzommu depositu ta flus internazionali ghal ħlas lil diar Germanisi ecc.

Infornu b'Cataloghi, Campiuni u prezzijet. Nghamlugha ta Guida u *interpreter* meta il clienti taghna izuru dan il pajjis (Germania) u inkghedu l'offici taghna f'Leipzig u Berlin ghad-disposizioni taħhom ghal corrispondenza.

Jecc negoziant jixtiek jati isimna pħala referenza; dan jista icun jghamlu uara sintendi li jatina l'informazionijet collha meħtiega. Aħna nippublicau fis-sezioni "**Export-Dienst**" (toħrog cull gimgha) b'xejn:—

1. Domandi ta cull diar li jixtieku jitkedu f'cumnicazioni ma fabbrici u Esportaturi Germanisi.
2. Offerti ghal'esportazioni tal provisionijet u ta cull prodotti oħra ghal cull parti tad-dinja specialment ghal Germania.

**Sottoscrittura.** Ubersee-Post, jippubblica edizioni cull gimgha; bil Germanis, gimgha bil Francis, gimgha bil Spanjol, u gimgha bl'Inglis, barra min dan darba fix-xahar joħrog bir-Russu.

L'Edizioni ta l'Inglis (darba fix-xahar) 12 il copia 10s. Il Flus ghandhom jintbghatu ma l'ordni.

**Avvisi** Il colonni ta f'avvisi huma internazionali; l'avvisi "fl'Ubersee-Post" imorru mad-dinja collha u igibu risultati taiba. L'ittri ta tifħir li nircievu min cull pajjis jatu prova ta dac il kghedin ngheidu.

Meta tictbilna gheid li krait l'avvis taghna 'dan il foliu.

# HELIOS

Min ma jafx, illum il giurnata, b'dan il flixcun tant mehtieg li izom go' fieh heujjeg liquidi shan ghall 24 sigha, u liquidi cheshin ghall 72 sigha shah ?

Dari ftit cont tisma bieh, izda illum bosta u bosta huma dauc li gharfu l'impurtanza tieghu.

Tant l'ommijet li ghandhom it-trabi chemm ucoll in-nies tax-xoghol, colla ifahhruh u ighidu li sabuh indispensabili.

Il flixchen **HELIOS** huma ta bosta daksijiet u ta bosta qualita' u prezzijiet, u ghall dauc li iridu jergou ibigheuhom hemm scont speciali.

Dauc li ghadhom ma acquistaux Helios ghandom imorru malajr fil Libreria ta

**GIOV. MUSCAT**

**48, Strada Mercanti. il Belt**

u jixtru uiehed u sgur li johorgiu sodisfatti.

# IN-NITRAT TAS-SODA.

**In-Nitrat tas-Soda** fost il ħafna vantaggi li fieħ ilaħħak il prodott bicri. Prodott bicri igib klieħ uisk—dan jafuħ il bdieua collha.

Il Bidui ghakli idemmel il prodotti tighu b'in-Nitrat tas-Soda u jghokod jitghaxxak jgharahom jicbru aħiar min ta ħadtieħor, u jeħu piacir bil flus izied li jakla.

Ix-xerrej ghakli jitlob dejjem ħxejjex u frott imdemmla b'in-Nitrat tas-Soda, ghaliex *ma icunux mimlija b'microbi ta mard*—icunu bnin, itjeb, u uisk aħjar ghat-tisjir.

**In-Nitrat tas-Soda** jista jgi imħallat ma l'ilma jeu imxerred f'uicc il ħamrija jeu trab jeħor. In-Nitrat tas-Soda katt m'ghandu jixxerred fuk il uerak.

**In-Nitrat tas-Soda** ghandu jigi mghoti *fil uakt li il prodotti icunu jicbru*, u m'ghandux jigi imħallat mad-demel l'ieħor.

**In-Nitrat tas-Soda** jinsab imfaħħar mad-dinja collha. Barra milli jati prodotti bil cotra, hua inakkas il mard min fuk il prodotti.

Hafna mil Bdieua f'Malta u Ghaudex ghad ma fehemux seuua x'inhu "in-Nitrat tas-Soda". Bosta jaħsbu li hu bhal cupru u li jista jintuza min floc il Cupru. "In-Nitrat tas-Soda" m'hux ħagia oħra ħlief **DEMEL** u jati sustanza cbira lil cull xorta ta prodotti.

**In-Nitrat tas-Soda** hua f'ghamla ta melħ. Hua nadif, ma jintinx, idub malair ma l'ilma u jinxtorob mil prodotti uara ftit sighat li jigi mghoti.

**In-Nitrat tas-Soda** m'hux biss hu demel ta sustanza kauuija *azotatà*, izda hu

**Ir-ruħ tal prodotti.**